Vol 41
Nru 207
Jannar - Marzu 2020

# L-ART Imqaddsa

## RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2019

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Minaret Musulman fil-fdalijiet Kruċjati tal-Knisja ta' S. Ġwann*

# Werrej



6



16



21

26




6 Il-Qabar u l-Knejjes ta’ San Ġwann Battista f’Sebaste

16 Il-Beatitudnijiet fl-Evanġelji ta’ San Mattew u San Luqa

21 Il-Missjoni Iebsa tal-Profeta Elija. (1)

26 Il-Gvernaturi Rumani fil-Palestina

33 Il-Qdusija fil-Ktieb tal-Apokalissi

42 Il-Liwjatan




33

# Editorjal

ta’ Patri Twanny Chircop ofm



## Fruntieri Dejjem Jinbidlu

Fit-28 ta’ Jannar 2020 il-President tal-iStati Uniti, Donald Trump, deher flimkien mal-Prim Ministru ta’ Israel, Benjamin Netanyahu, u ħabbar il-pjan tiegħu għal paċi dejjiema bejn l-Israeljani u l-Palestinjani, bl-isem “Peace to Prosperity: A Vision to Improve the Lives of the Palestinian and Israeli People.” Dan il-pjan, magħmul biss bejn l-Amerikani u l-Israeljani, b’esklużjoni tal-Palestinjani, li rtiraw minn kull negozjati minħabba l-fatt li Trump irrikonoxxa lil Ġerusalemm bħala kapitali ta’ Israel, ħoloq mappa ġdida li fiha suppost li l-Palestinjani se jkollhom territorju li jistgħu jsejħulu Stat sovran.

Il-konflitt bejn Israel u l-Palestinjani ilu sejjer għal dawn l-aħħar 72 sena, u b’mod partikulari mill-1967, meta Israel okkupa x-Xatt tal-Punent u l-iStrixxa ta’ Gaza. Minn dak iż-żmien Israel beda proċess sistematiku ta’ bini ta’ insedjamenti li llum saru bliet kbar proprju fit-territorju okkupat, f’nofs l-irħula Palestinjani. Dan wassal għal mumenti ta’ tensjoni u vjolenza, l-aktar waqt it-tieni intifada fl-2000-2002, li wasslet biex Israel jibni ħajt ta’ sigurtà madwar it-territorji Palestinjani, li qata’ l-kuntatt bejn irħula u bliet Palestinjani u ġab ix-Xatt tal-Punent jidher qisu “jigsaw puzzle”, bi rqajja’ ta’ art li kienu ingħataw lill-Awtorità

*…editorjal*
*L-iStat tal-Palestina kif ġie ippjanat minn Donald Trump*




Palestinjana wara l-Oslo Accord tal-20 ta’ Awwissu 1993 bejn il-Prim Ministru Israeljan Yitzhak Rabin u l-mexxej Palestinjan Yasser Arafat, bl-għajnuna tal-President Amerikan Bill Clinton.

Is-sitwazzjoni matul dawn l-aħħar snin waslet għal waħda kritika, li fiha Israel kompla jibni l-insedjamenti minkejja l-kundanna tal-Ġnus Magħquda li tqis li dawn il-bliet huma illegali. Illum il-ġurnata ’il fuq minn sitt mit elf Israeljan joqogħdu fil-bliet li inbnew f’territorju Palestinjan, l-aktar madwar Ġerusalemm u Betleħem, imma wkoll fuq l-għoljiet tas-Samarija.

L-aħħar daqqa ta’ ħarta lill-proċess ta’ paċi bejn Israel u l-Palestinjani kienet ir-rikonoxximent ta’ Ġerusalemm bħala kapitali ta’ Israel, b’esklużjoni tar-rieda tal-Palestinjani li Ġerusalemm tal-lvant tkun rikonoxxuta bħala l-belt kapitali tal-Palestina. Dan l-att li ħarrax il-pożizzjonijiet sar mill-President Amerikan Donald Trump fis-6 ta’ Diċembru 2017. Minn dak il-mument l-iStati Uniti mexxew l-ambaxxata minn Tel Aviv għal Ġerusalemm, u l-Palestinjani ddikjaraw li ma ridux jirrikonoxxu iżjed lill-iStati Uniti bħala qawwa politika li tagħmel medjazzjoni bejnhom u bejn l-Israeljani.

F’kelma oħra, l-azzjoni ta’ Trump u Netanyahu ma hi xejn aktar ħlief pjan impost fuq il-Palestinjani mingħajr l-ebda kura tal-aspirazzjonijiet tagħhom. Fil-fatt, Netanyahu diġà ddikjara li, bħala riżultat tal-mappa ġdida li issa ġiet ippreżentata, Israel se jkollu d-dritt li jagħmel “annexation” tat-territorju kollu tal-Wied tax-Xmara Ġordan, b’tali mod li l-Palestina se tkun kollha kemm hi ċirkondata minn Israel u ma hemm l-ebda żblokk naturali għall-Palestinjani biex jaqsmu għall-Ġordanja. Fuq kollox Israel se jiddikjara wkoll li l-insedjamenti kbar tax-Xatt tal-Punent (eż. Ma’ale Adumim, Gilo, Homat Shmuel,

Gush Etzion, Ariel, u bosta bliet oħrajn) issa huma parti mit-territorju nazzjonali Israeljan, anke jekk mibnijin fuq art li l-Palestinjani jqisuha tagħhom.

X'se jifdlilhom il-Palestinjani? Fil-prattika l-Palestinjani se jibqgħu kkonċentrati fl-irqajja' ta' artijiet li huma "enclaves" imdawrin minn insedjamenti Israeljani. Dawn jinkludu l-bliet ta' Ħebron, Betleħem, Ramallaħ, Nablus, Jenin, Ġeriko, Tulkarem u Qalqilya, immexxijin mill-Awtorità Palestinjana, flimkien mal-iStrixxa ta' Gaza (li Israel irtira minnha fl-2015) u fejn hemm gvern immexxi mill-moviment Ħamas, li hu meqjus bħala organizzazzjoni terroristika. Hemmhekk l-attakki ma jonqsux, kemm minn terroristi Palestinjani li jisparaw missili fuq bliet Israeljani fil-qrib, kif ukoll mill-forzi Israeljani li jirrispondu bil-bumbardamenti li wasslu anke għal mumenti ta' gwerra bħall-"Operation Defensive Shield" tal-2014.

Ħarsa lejn il-mappa ta' Israel u l-Palestina turi fruntieri dejjem jinbidlu, imma li fil-fatt ikomplu jikkumplikaw is-sitwazzjoni politika. Għalkemm Israel jidher li jagħmel xi konċessjonijiet lill-Palestinjani, dawn jinkludu l-ħolqien ta' mina ta' madwar 40 kilometru li suppost li tgħaqqad ix-Xatt tal-Punent ma' Gaza, bl-iskop li l-Palestinjani ma jgħaddux minn territorju Israeljan imma jivvjaġġaw taħt l-art. Tinkludi wkoll xi rqajja' ta' art li Israel lest li jagħti lill-Palestinjani fid-deżert, qrib il-fruntiera mal-Eġittu, li suppost li jsiru żoni industrijali.

Min-naħa tagħhom il-Palestinjani rrifjutaw din l-offerta, għaliex huma ma ġewx ikkonsultati bl-ebda mod, imma hu biss ftehim magħmul bejn Trump u Netanyahu, u jidher li jiddefendi l-interessi Israeljani, anke jekk Trump insista li l-Palestinjani issa se jkollhom Stat għalihom, basta jirrispettaw is-sigurtà ta' Israel. Imma dan ifisser li l-ħajt tas-sigurtà u ċ-"check-points" militari se jibqgħu kollha hemm, anzi li issa l-firda se tkun drastika. Fil-fatt, il-pjan ma hu xejn aktar ħlief l-implimentazzjoni uffiċjali ta' sitwazzjoni li diġà teżisti, billi Israel diġà jikkontrolla ż-żoni kollha li issa jrid jieħu għalih b'mod uffiċjali.

Jidher ċar li din il-qagħda ta' inċertezza hi frott ta' inċertezza politika kemm f'Israel kif ukoll fil-Palestina. L-Israeljani ilhom sena sħiħa bla gvern stabbli, u kellhom jagħmlu tliet elezzjonijiet f'sena, li l-ewwel tnejn minnhom kienu inkonklusivi. Netanyahu baqa' jiggverna sempliċement għax ma kienx hemm alternattiva. U l-istess ġara fil-Palestina, fejn Mahmoud Abbas ilu President għal diversi snin mingħajr possibilità li jsiru elezzjonijiet minħabba l-firdiet interni.

Forsi qatt ma kien hemm żmien li fih il-prospettiva ta' paċi fl-Art Imqaddda kienet daqshekk fil-bogħod. Dan minkejja l-progress ekonomiku li jidher ċar fil-każ ta' Israel, fejn is-sena li għaddiet ġew 4.5 miljuni ta' turisti, u li jinħass ukoll f'ċerti bliet Palestinjani bħal Betleħem. Imma taħt il-wiċċ sabiħ li jidher hemm moħbija tensjoni u problemi kbar, li ftit hemm rieda tajba li jiġu solvuti.

# IL-QABAR U L-KNEJJES TA' SAN ĠWANN BATTISTA F'SEBASTE



*Noel Muscat ofm*

**Tradott u adattat mill-volum ta' Denys Pringle,**
***The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem: A Corpus,***
**Volume 2, L-Z,**
**Cambridge University Press, 1998, 283-301.**

Ir-raħal ta' Sebaste (Sebastiya) jinsab xi 10 kilometri fuq il-majjistral ta' Nablus, fix-xaqliba tal-lvant tat-triq prinċipali li titla' lejn it-tramuntana mill-għoljiet tas-Samarija lejn Jenin u l-Galilija, u ftit bogħod mit-triq li mill-wied tax-xmara Ġordan tieħu lejn il-punent lejn il-kosta tal-Mediterran. Ir-raħal tal-lum, li l-Għarab isejħulu Sebastiya, jokkupa l-ġnub ta' għolja li fuqha jinsabu l-fdalijiet tal-belt antika ta' Samarija, li kienet kapitali tas-saltna ta' Israel mit-876 sas-721 q.K. Madwar is-sena 25 q.K. Erodi l-Kbir bena belt ġdida fuq dan il-post, u taha l-isem ta' Sebaste, għall-Imperatur Awgustus (Sebastos). Din il-belt tgħolliet għal grad ta' *colonia* Rumana minn Settimio Severo madwar is-sena 196 w.K. Fis-seklu 4 l-belt kienet biss raħal żgħir, imma baqgħet dejjem abitata sal-ġurnata tal-lum. Il-belt Rumana kienet imdawra b'sur tal-ġebel li għadu jidher minnu l-fdalijiet ta' torrijiet tondi. Is-sit arkeoloġiku jkopri arja ta' madwar 64 ettaru. L-iskavi li saru fl-1908-10 u fl-1931-35 kixfu fuq il-quċċata tal-għolja l-pedestall tat-tempju li Erodi bena lil Awgustus. Taħt din il-quċċata tinfirex akropoli kbira ta' żminijiet Israeliti u Ellenisti. Lejn il-lvant kien hemm il-*forum* tal-belt Rumana, filwaqt li lejn it-tamuntana jidhru l-fdalijiet tat-teatru, it-tempju ta' Korte (Persephone) u l-istadju. Għad hemm fdalijiet ta' triq bil-kolonni li twassal mid-daħla tal-punent sar-raħal attwali li jinsab fuq ix-xaqliba tal-lvant.

Hawnhekk ma aħniex sejrin nieqfu fuq l-istorja tas-saltna ta' Israel u fuq il-fdalijiet arkeoloġiċi interessanti li jmorru lura għal żmien is-sultan Omri (886-875 q.K.) u ibnu Aħab (875-853 q.K.), li fi żmienu deher il-profeta Elija (1Slat 16,23 - 22,40). Sejrin pjuttost nitkellmu dwar fdalijiet tal-epoka Kruċjata li jinsabu fir-raħal Palestinjan ta' Sebastiya (Sebaste), u li huma l-fdalijiet tal-Kattidral ta' San Ġwann Battista u tal-qabar tal-Prekursur ta' Ġesù.

## Il-Kattidral ta' San Ġwann Battista f'Sebaste

Il-Kristjaneżimu wasal fil-belt ta' Samarija permezz tal-ħidma tad-djaknu Filippu, wieħed mis-seba' djakni istitwiti mill-appostli. Ir-rakkont insibuh fl-Atti tal-Appostli 8,5-8: "Filippu niżel f'belt tas-Samarija u xandar lil Kristu lin-nies tagħha. Il-folol tan-nies b'fehma waħda kienu joqogħdu attenti għal dak li kien jgħidilhom Filippu, meta kienu jisimgħuh u jaraw il-mirakli li kien jagħmel. Kien hemm nies maħkuma mill-ispirti ħżiena, u dawn b'għajjat kbir kienu joħorġu minn ħafna minnhom; u ħafna nies oħrajn, mifluġa jew zopop, kienu jitfejqu. U kien hemm ferħ kbir f'dik il-belt."

L-istoriku Lhudi Josephus Flavius (*Antiquitates Iudaicæ*, 5,2) jikteb li San Ġwann Battista ġie maqtul minn Erodi Antipas fil-fortizza ta' Machærus, jew Makeronte, fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-Baħar il-Mejjet, fil-Ġordanja (cfr. Mt 14,1-12; Mk 6,17-29; Lq 3,19-20; 9,7-9). Fis-sekli li ġew wara nibtet it-tradizzjoni li l-fdalijiet tal-Prekursur, li kienu ġabruhom id-dixxipli ta' Ġwanni, ġew midfuna f'Sebaste fejn kienu diġà midfuna l-profeti Eliżew u Abdija (imma dan tal-aħħar



*Sebaste, il-Kattidral Kruċjat ta' S. Ġwann*

ġie konfuż ma' Għobadija, li kien jieħu ħsieb il-palazz tas-sultan Aħab f'1 Slat 18,3). Nibtet ukoll it-tradizzjoni li Sebaste kien il-post li fih ġie maqtul Ġwanni l-Battista. Fl-ewwel sekli, id-dixxipli ta' San Ġwann Battista kienu preżenti f'ħafna partijiet tas-Samarija.

Il-kult lejn San Ġwann il-Battista kien diġà jeżisti f'Sebaste fis-snin 361-362, fi żmien il-persekuzzjoni tal-Imperatur Ġuljanu l-Apostata, għax nafu li f'dawk is-snin il-fdalijiet tal-Prekursur, flimkien ma' dawk ta' Eliżew u Abdija, inqalgħu mill-oqbra u ġew maħruqa, imma li l-irmied tagħhom inġabar minn xi rħieb li kienu ġew minn Ġerusalemm.

Il-qabar tal-Battista ġie lokalizzat għall-ewwel darba f'Sebaste minn Rufino ta' Aquileia, li kien jgħix Ġerusalemm fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u li jagħtina deskrizzjoni tar-reazzjoni pagana kontra l-Insara fis-snin 361-362, taħt l-Imperatur Ġuljanu l-Apostata, meta l-fdalijiet ta' San Ġwann Battista nħarġu mill-qabar u ġew maħruqa, u mbagħad l-irmied ġie mferrex mal-erbat irjieħ. Imma xi wħud mill-fdalijiet inġabru minn irħieb tal-monasteru tad-Djaknu Filippu f'Ġerusalemm: "Fi żmien l-Imperatur Ġustinjanu [...] f'Sebaste, belt tal-Palestina, il-pagani nvadew il-qabar ta' Ġwanni l-Battista: l-ewwel ma għamlu kien li xerrdu l-għadam tiegħu, imma mbagħad reġgħu ġabruhom biex jaħarquhom; huma ħalltu l-irmied imqaddes mat-trab u ferrxuh mal-kampanja u l-irħula ta' madwar. Imma bir-rieda ta' Alla waslu xi rħieb mill-monasteru ta' Filippu f'Ġerusalemm. Huma tħalltu ma' dawk li kienu qed jiġbru l-għadam biex jaħarquhom, u b'attenzjoni u devozzjoni qaddisa huma ġabru, kif setgħu, dawk il-fdalijiet u telqu bil-moħbi u ħadu r-relikwi meqjuma lill-missier imqaddes Filippu" (*Historia Ecclesiastica* VII,4).

Fis-sena 384 il-pellegrina Eġeria żaret l-oqbra u l-knisja ta' Sebaste. L-istess għamlet Paula, id-dixxiplu ta' San Ġilormu, fis-sena 404.

F'nofs is-seklu 5 Sebaste kienet saret sede ta' isqof, li kien jiddependi mill-arċisqof ta' Ċesarija Marittima. Il-pellegrin Ġwann Rufus, li kiteb fis-sena 512, jagħti deskrizzjoni tal-*martyrium* ta' din il-knisja kif kien jidher sa mis-sena 451, meta ġie ċċelebrat il-Konċilju ta' Kalċedonja: "Dan il-post kien kappella ta' knisja li kienet magħluqa bi grada, għaliex fiha hemm żewġ twiebet miksijin bid-deheb u l-fidda, li quddiemhom dejjem hemm lampi jixegħlu: wieħed minnhom hu dak ta' San Ġwann Battista u l-ieħor tal-profeta Eliżew."

Il-qabar ta' Eliżew jissemma mill-Pellegrin ta' Piacenza fis-sena 570, filwaqt li San Willibald ra l-oqbra ta' Ġwanni, Eliżew u Abdija fis-sena 723. Fl-istess seklu 8 inħadmet xbiha tal-knisja fl-art mużajkata tal-knisja ta' San Stiefnu f'Umm ar-Rasas fil-Ġordanja. Imma fis-sena 808 il-kitba *Commemoratorium de Casis Dei* tgħid: "F'Sebaste, fejn hu midfun il-ġisem ta' San Ġwann, kien hemm qabel knisja kbira, imma issa tinsab imġarrfa. Kull ma fadal hu l-qabar tal-glorjuż Battista, li ma ġiex meqrud għal kollox."

F'dak iż-żmien l-Isqof Bażilju u l-kleru tiegħu kienu juffiċjaw fi knisja oħra, li l-fdalijet tagħha jinsabu fil-post li fih it-tradizzjoni tqiegħed il-ħabs li fih kien maqful Ġwanni.

Il-Kruċjati rebħu l-Art Imqaddsa fl-1099, meta daħlu trionfalment f'Ġerusalemm. Ftit wara huma bnew f'Sebaste raħal-fortizza, li huma semmewh *Casale Sancti Iohannes Sebaste*. Dan kien parti mill-proprjetà rjali tar-Re ta' Ġerusalemm. Ftit tas-snin wara li twaqqaf ir-Renju tal-Kruċjati, l-Abbati Danjel (1106-08) sab komunità ta' reliġjużi Latini li kienu juffiċjaw il-knisja mġarrfa ta' Sebaste (Sebastopolis). Hu jikteb: "Il-qabar ta' Ġwanni l-Prekursur jinsab hawnhekk, u hemm knisja sabiħa dedikata lilu kif

ukoll monasteru għani tal-Franki."

Fl-1142 Usamah ibn Munqidh, Emir ta' Shaizar qrib Apamea fis-Sirja, meta wasal Sebaste biex iżur lill-Gran Mastru tal-Kavallieri Templari, kiteb: "Jiena żort il-qabar ta' Yahya, iben Zakkarija - Alla jberikhom it-tnejn! - fir-raħal ta' Sebastiya qrib Nablus. Wara li waqaft nitlob, jiena dħalt fl-ispazju magħluq quddiem il-qabar. Sibt bieb nofsu mbexxaq, ftaħtu u dħalt fil-knisja. Ġewwa kien hemm għaxart irġiel anzjani, u huma laqgħuni b'ospitalità." Minn dan ir-rakkont nafu li l-qabar tal-Battista u l-knisja kienu jokkupaw sezzjonijiet separati ta' din iż-żona. Fil-fatt l-iskavi reċenti li saru fl-2008 urew li, qabel ma nbniet il-knisja kattidrali Kruċjata, kien hemm knisja oħra Kruċjata fil-qrib. L-iskavi kixfu fdalijiet ta' fortizza imponenti, li fiha torri u taraġ forma ta' garigor, u fuq kollox kappella. Instabu wkoll xi biċċiet ta' mużajċi ta' pavimenti, li jindikaw monasteru Biżantin li seta' kien hemm maġenb il-knisja. Il-kappella għandha pjanta rettangolari, b'abside fuq il-lvant, u hi mdawra mill-fortizza, kollha mibnija minn kolonni u kapitelli tal-perjodu Ruman, li kienu parti miż-żona arkeoloġika.

Ftit wara ż-żjara ta' Usamah, il-qagħda tal-knisja ta' Sebaste nbidlet radikalment, għax fl-1145, Guillaume I, Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, ħabbar li kienu nstabu l-fdalijiet tal-Battista u kkonċeda indulġenza ta' 40 jum lil dawk kollha li jikkontribwixxu biex tinbena knisja monumentali fuq il-qabar tiegħu. Kien f'dak iż-żmien li beda l-bini tal-kattidral Kruċjat ta' San Ġwann Battista f'Sebaste, li l-fdalijiet tiegħu għadhom weqfin sal-lum.

Il-pellegrin Teodoriku (1169-72) kiteb li parti mir-relikwi kienu vvenerati fil-knisja stess. Hu l-ewwel wieħed li jiddeskrivi t-turġien li jwasslu mill-knisja għall-qabar li jinsab fil-kripta: "Parti mid-driegħ tiegħu jinsab merfugħ hemmhekk b'qima kbira. Imma hu indifen fil-kripta, bejn il-profeti Eliżew u Abdija. Wieħed jinżel f'din il-kripta permezz ta' 35 tarġa."

*Il-Kattidral Kruċjat ta' S. Ġwann Battista, f'Sebaste*




*Il-Qabar ta' S. Ġwann Battista*

F'Settembru 1184 Saladin deher quddiem Sebaste b'armata miegħu; imma l-Isqof irnexxielu jinnegozja ftehim ta' paċi u ta kenn lil dawk kollha li kienu daħlu fil-knisja, bil-patt li jeħles lil tmenin priġunier Musulman.

Fl-1185 żar Sebaste l-Grieg Ġwanni Phocas, li jikkonferma li r-relikwi ta' Ġwanni l-Battista u tal-profeta Eliżew ma kinux għadhom fil-qabar taħt l-art: "F'nofs din il-belt hemm il-ħabs li fih ġie mixħut minħabba l-akkużi li għamel kontra Erodja, u fejn qatgħulu rasu. Dan il-ħabs jinsab taħt l-art, u tinżel għalih minn għoxrin tarġa. Fin-nofs hemm altar li jimmarka l-post fejn l-għassies qatagħlu rasu. Fuq il-lemin tal-altar hemm tebut li fih hu mħares il-ġisem ta' San Żakkarija, missier il-Prekursur. Fuq ix-xellug hemm tebut ieħor, li fih hemm il-ġisem ta' ommu, Santa Eliżabetta. Fil-ħitan fuq iż-żewġ naħat tal-ħabs jistrieħu l-fdalijiet ta' ħafna qaddisin u dixxipli oħrajn tal-Prekursur. Fuq il-ħabs hemm knisja li fiha hemm żewġ twiebet minquxa fi rħam abjad. Dak fuq il-lemin fih l-irmied tal-ġisem tal-meqjum Prekursur wara li dan ġie maħruq. Fl-ieħor hemm il-ġisem tal-profeta Eliżew. Fuq dan, fil-knisja, id-driegħ tax-xellug tal-Prekursur hu meqjum f'relikwarju li hu kollu kemm hu tad-deheb."

F'Lulju 1187 Sebaste ntrebħet u ġiet meqruda min-neputi ta' Saladin, Ħusam al-Din Muħammad, magħruf bħala Ibn al-Athir. Fir-rakkont ta' Imad al-Din insibu li "Ħusam al-Din waqaf Sebastiya, fejn hemm il-qabar ta' Żakkarija. Sa miż-żmien li fih il-Musulmani kienu abbandunaw dan il-qabar, il-qassisin kienu kkonvertewh fi knisja. Kien wieħed mis-santwarji ewlenin tagħhom, wieħed mill-oqbra li kienu jqimu. Huma kienu ksewh bi drappijiet, u kienu żejnuh b'ornamenti ta' fidda u deheb, u kienu jżuruh f'pellegrinaġġ. Kien hemm komunità ta' rħieb residenti hemmhekk. Dawk biss li kienu jġibu offerti għonja setgħu jżuru l-post. Ħusam al-Din daħal hemmhekk u ħa pussess ta' dak kollu li sab, u ħalla biss dak li hu meħtieġ għal moskea; imbagħad hu ħalla lill-Musulmani jidħlu hemm u waqqaf *miħrab* (niċċa ta' talb tal-Musulmani) biex iduru lejha meta jsallu."

L-awtur ta' *De Expugnatione Terræ Sanctæ* jikteb li l-Musulmani heddu lill-Isqof sakemm dan urihom fejn kienu jinsabu t-teżori tal-knisja. Imbagħad neżżgħuh minn ħwejġu u sawwtuh, sakemm ħallewh jitlaq qawwi u sħiħ lejn Akri. Ma nafux x'ġara wara mill-Isqof u l-kapitlu tal-kanoniċi. F'Diċembru 1188 il-Papa Klement III ħa lill-kanoniċi ta' Sebaste taħt il-protezzjoni tiegħu. Dawn kienu qed iservu fil-knisja ta' Nemours. Philippe Augustus għamel l-istess u bħal missieru Louis VII, ta 20 *livres* kull sena lill-knisja ta' Sebaste. Kien hemm Isqof ta' Sebaste li ħa sehem fl-elezzjoni tal-Patrijarka Soffred fl-1203. Billi d-djoċesi baqgħet f'idejn il-Musulmani, nissoponu li l-Isqof kien normalment jirrisjedi Akri. Is-suċċessjoni ta' sqfijiet ta' Sebaste tidher li waqfet fl-1268, wara l-mewt tal-amministratur Hugh de Nissun.

Wara li Saladin rebaħ ir-Renju Latin il-kattidral li kienu bnew il-Kruċjati nbidel f'moskea. L-insara tħallew bil-permess li jżuru l-qabar ta' Ġwanni l-Battista. Fl-1283 Burcardo tal-Monte Sion jiddeskrivi l-qabar bħala wieħed tar-rħam, li jixbah il-Qabar ta' Kristu, u jgħid li San Ġwann kien indifen bejn il-profeti Eliżew u Abdija. Din id-deskrizzjoni tindika li kien hemm xi edikola mibnija fuq id-daħla tal-għar li fih hemm il-qabar.

William ta' Boldensele jgħid li fl-1333 il-knisja kienet imġarrfa, imma Giacomo da Verona, li żarha fl-1335, u Nicola da Poggibonsi (1346-50) ma jgħidulniex li l-knisja kienet iġġarrfet. Nicola jgħid li l-monument li fih indifen Ġwanni kien jinsab fiċ-ċentru tal-knisja, li kienet saret moskea. Jgħid ukoll li, wara li l-ġisem tal-Battista kien ġie maħruq, id-driegħ tax-xellug ta' San Ġwann kien baqa' Sebaste, mentri rasu, li kienet ġiet maqtugħa minn ġismu, kienet tinsab Lixandra, fejn Nicola nnifsu ra fil-knisja ta' San Ġwann. Jgħid li wieħed mis-swaba' ta' San Ġwann kien relikwa għand ir-Re Ugo IV ta' Ċipru. Jgħid ukoll li r-relikwi ta' Sebaste kienu mbagħad ġew meħuda fil-monasteru Grieg ta' San Ġwann Battista (*Prodromos* = Prekursur) fuq ix-xatt tax-xmara Ġordan. Kien jeżisti relikwarju tad-deheb tas-seklu 12, li fih kien hemm id-driegħ tal-lemin tal-Battista, u li kien meqjum fil-knisja ta' San Ġwann ta' Pera f'Kostantinopli sas-sena 1453, meta ġiet meqruda din il-belt. Dan il-famuż relikwarju fis-sena 1484 kien ingħata mis-Sultan Bazid II lill-Gran Mastru tal-Ospedalieri (Kavallieri ta' San Ġwann) f'Rodi, Pierre d'Aubusson. Kien dan il-famuż relikwarju li l-Kavallieri ġiebu magħhom Malta, fejn dam meqjum fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann fil-Belt Valletta sa ma telqu l-Kavallieri minn gżiritna fl-1798 u ħaduh magħhom.

Fl-1356-66 Jean de Mandeville jikteb li l-knisja kbira kienet tinsab imġarrfa, imma parti kbira minnha kienet għadha tidher, fosthom ħafna kolonni, li kienu juru kemm il-knisja kienet sabiħa. Il-pellegrini kienu jitħallew jidħlu fil-qabar, li kien jinsab f'nofs il-knisja, taħt l-art (kif għadu jidher sal-lum).

Lejn it-tmiem tas-seklu 15, Francesco Suriano ra l-qabar ta' Ġwanni, fejn daħal jitlob, f'nofs il-knisja, u ra wkoll "żewġ oqbra tar-rħam rikk, li huma forsi l-isbaħ li hemm fid-dinja. Wieħed minnhom hu fejn indifen Eliżew u l-ieħor fejn indifen il-profeta Ġoel: għalkemm il-martiroloġju jgħid li hu Abdija, imma fuq il-qabar hemm minqux l-isem Ġoel. Il-knisja hi mibnija f'forma ta' fortizza, bħall-knisja ta' Betleħem, u fiha jgħix il-*Machademo*, jiġifieri l-Gvernatur."

Mingħajr dubju dawk l-oqbra kienu sarkofagi tar-rħam li kien ra Ġwann Phocas fl-1185; it-tieni iskrizzjoni kienet x'aktarx tirreferi mhux għal *Ioel* (Ġoel), imma kienet taqra *Io[hann]es* (Ġwanni).

Fis-seklu 16 Pantaleone d'Aveiro żar il-knisja flimkien ma' żewġ rħieb Griegi. Hu jfakkar li l-Insara lokali kienu jixegħlu lampieri maġenb it-tliet oqbra, filwaqt li l-qabar ta' Eliżew kien ta' rħam fin. Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa Bonfaċju ta' Ragusa (Dubrovnik) isemmi l-kappella li fiha "il-qabar eleganti tal-alabastru ta' Ġwanni" fix-xaqliba tax-xlokk tal-knisja.

Pietro della Valle ttieħed minn Għarab lokali, Insara Ortodossi, biex jara l-knisja. Hu jiddiskreviha bħala "għadha wieqfa f'parti kbira tagħha, hi kbira u sabiħa; ġewwa huma urewni kappella li tinsab taħt l-art, imżejna b'koppla żgħira fl-istess knisja, eżattament bħad-Dar Imqaddsa ta' Loreto, imma biex wieħed jidħol fil-kappella jrid jinżel ħafna turġien. Din il-kappella taħt l-art kienet il-ħabs ta' San Ġwann Battista." Jidher li l-koppla fuq il-kappella kienet il-binja Musulmana li għadha tidher sal-lum fin-navata tal-knisja. Francesco Quaresimi wkoll

jiddeskrivi l-knisja u l-qabar taħt l-art.

Fl-1679 Domenico Laffi ra fil-knisja "kapitelli ta' skultura artistika", u wkoll parti min-navata ċentrali, li hu jiddeskriviha bħala "fdalijiet ta' koppla, li taħtha jaħsbu li kien hemm l-altar maġġur, imżejjen b'kolonni tar-rħam u rappreżentazzjonijiet fil-mużajk; din illum hi maqsuma fi tnejn, bil-Griegi juffiċjaw fuq naħa u l-Musulmani fuq l-oħra."

Il-moskea żgħira (*maqam*) mibnija fuq il-ħabs ta' Ġwanni l-Battista tissemma minn Henry Maundrell fl-1697. Madwar l-1690-93 il-Musulman, al-Nabulusi, jfakkar li wara li wieħed jinżel fl-għar isib "gradilja żgħira ġewwa fejn jingħad li jinsabu Saidna Yahya (Ġwanni) u missieru Żakkarija."

Fl-ewwel snin tas-seklu 19 l-abside ċentrali tal-knisja kienet għadha wieqfa, u l-forma tonda tagħha kienet ġiet impittra minn Louis de Laborde (1837). David Roberts raha fl-1839. Viżitaturi oħrajn tal-knisja kienu jinkludu E. Robinson (1838), M. De Vogüe (1860), V. Guérin (1874), l-uffiċjali tas-Survey of Western Palestine f'Lulju 1872 u Ġunju 1875, C. Clermont-Ganneau fl-1873-74 u M. Van Berchem madwar l-1890.

Madwar is-sena 1892, fi żmien is-Sultan Ottoman Abd al-Ħamid II, il-moskea li kienet tokkupa żewġ daħliet tan-navata tan-nofsinhar tneħħiet u nbniet moskea ġdida tagħlaq iż-żewġ daħliet tal-lvant tal-knisja. Dan ix-xogħol ġab miegħu l-isfortuna li tħattew il-fdalijiet tal-abside, kif ukoll xi partijiet mill-volti tas-saqaf li kienu perikolużi, imma li kienu għadhom wieqfa, kif jidher f'ritratti aktar antiki.

Camille Enlart ra l-knisja fl-1922, wara li nbniet il-moskea ġdida. Hu ddeskriva n-navata ċentrali. L-iskavi li saru madwar in-naħat tat-tramuntana u tal-lvant tal-knisja minn R.W. Hamilton juru li mhux biss il-knisja Kruċjata kienet mibnija fuq dik Biżantina, imma wkoll li l-pjanta tal-lvant li kienet saret mis-Survey of Western Palestine fl-1870 kienet eżatta.

Il-kattidral Kruċjat, li jokkupa l-pedamenti tal-knisja Biżantina li kien hemm qablu, hu mibni fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-għolja, ftit barra mill-ħitan tal-belt Rumana, f'żona li qabel kienet iċ-ċimiterju tal-istess belt. Il-fatt li l-kattidral inbena hemmhekk fis-seklu 4 kien jiddependi mill-identifikazzjoni ta' wieħed mill-oqbra fiċ-ċimiterju bħala l-qabar ta' Eliżew u ta' Abdija, li fih il-ġisem ta' Ġwanni l-Battista kien ġie midfun ukoll. Il-qabar jinsab taħt in-navata ċentrali tal-knisja Kruċjata, f'pożizzjoni li tikkorrispondi għall-ħames daħla tal-knisja. Wieħed jinżel għalih minn 21 tarġa minn kamra b'koppla ċkejkna. Din il-kappella tinsab fit-tielet daħla tan-navata ċentrali, qrib żewġ siġriet tal-larinġ morr. Minnha tinżel għall-qabar Ruman. Il-qabar hu magħmul minn kamra b'saqaf troll u fih sitt niċeċ sepolkrali li huma mqegħdin f'żewġ ringieli fuq il-ħajt tan-nofsinhar. Fir-ringiela ta' isfel, it-tradizzjoni Kristjana tgħid li hemm il-qabar ta' San Ġwann Battista, bejn dawk tal-profeti Eliżew u Abdija, filwaqt li t-tradizzjoni lokali titkellem ukoll mill-oqbra ta' Żakkarija u Eliżabetta. Il-paviment hu maħdum f'*opius sectile* (teknika artistika li fiha biċċiet jitqiegħdu flimkien fuq art jew ħajt biex jiffurmaw disinn) u jmur lura għal perjodu Biżantin (Bagatti), imma l-mod kif hu rranġat il-qabar illum imur lura għall-perjodu Kruċjat. Fil-*maqam* Musulman li jinsab fuq il-qabar (fejn hemm il-koppla) hemm fdalijiet ta' balavostri Biżantini u fdalijiet oħrajn ta' dekorazzjonijiet Kruċjati, li kienu parti mill-knisja Biżantina u mill-kattidral medjevali tal-Kruċjati.

Kien grazzi għall-inizjattivi ta' finanzjamenti privati, li fl-2010, Carla Benelli, storika tal-arti, u koordinatriċi tal-proġett "Sebastia - tra passato e presente", bl-

għajnuna tal-Assocazione Pro Terra Sancta u flimkien mal-arkitett Osama Hamdan, irnexxielha twettaq proġett ta' dokumentazzjoni u ta' konservazzjoni ta' emerġenza, u nvolviet f'dan il-proġett xi membri tal-komunità Palestinjana lokali, li ħadmu bħala voluntiera.

F'konferenza li hi tat f'Bir Zeit University fl-2011 hi spjegat kif ġiet organizzata din l-ispedizzjoni ta' restawr tal-qabar ta' San Ġwann Battista. Mill-pjanti li ħejja l-arkitett Hamdan jidher ċar li l-kripta u l-qabar Ruman ġew trasformati meta nbena l-kattidral Kruċjat. Għalkemm id-daħla għall-qabar illum hi waħda, imma billi hemm bieb magħluq fi tmiem kurridur jidher li x'aktarx li kien hemm xi taraġ ieħor li kien jieħu lejn il-qabar. It-tieni kamra li żdiedet mal-*maqam* x'aktarx saret fl-1892, meta l-moskea ttieħdet fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-knisja, fejn qabel kien hemm l-abside u l-presbiterju.

Il-konklużjoni ta' dawk l-istudjużi hi li, għalkemm ma nafux eżattament għalfejn il-qabar ta' San Ġwann Battista ġie lokalizzat f'Sebaste, nistgħu insemmu żewġ ipotesi. L-ewwel waħda hi li d-dixxipli ta' Ġwanni riedu jħarsu l-ġisem tal-qaddis, u ġabuh mingħand Erodja (kif jgħid l-Evanġelju) f'post fejn Erodi Antipa ma kellu l-ebda poter, għax is-Samarija kienet taħt il-kontroll dirett tar-Rumani. Dawn id-dixxipli għażlu post qaddis, fejn kienu diġà jinsabu midfunin xi profeti (Eliżew u Abdija). Fis-Samarija kien hemm bosta dixxipli tal-Battista. It-tieni ipotesi hi li t-tradizzjoni lokali dejjem poġġiet maġenb il-qabar tal-Battista l-oqbra tal-ġenituri tiegħu Żakkarija u Eliżabetta. Din it-tradizzjoni tissuġġerixxi li forsi dan seta' kien qabar tal-familja.

## Il-Knisja ta' San Ġwann Battista fil-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Sebaste

Barra mill-kattidral ta' San Ġwann Battista fir-raħal ta' Sebaste, hemm ukoll knisja oħra, li kienet bażilika Biżantina, u li nbniet fis-seklu 5. Din il-knisja tinsab fix-xaqliba tan-nofsinhar tal-akropoli fil-parti arkeoloġika. Ġiet skavata minn John W. Crowfoot fl-1932. It-tradizzjoni trid li din il-knisja timmarka l-ħabs u l-post tal-martirju ta' San Ġwann Battista, u l-post li fih Erodja riedet li tindifen ir-ras tal-Battista.

Il-knisja, li tinsab imġarrfa, hi magħrufa bħala l-"Knisja tas-Sejba tar-Ras ta' San Ġwann Battista". Hi lokalizzata fuq terrazza li tinsab eżattament fuq it-triq bil-kolonni li minnha tidħol lejn il-fdalijiet ta' Sebaste u lejn ir-raħal Palestinjan ta' Sebastiya. Il-binja ġiet mikxufa għall-ewwel darba minn uffiċjali tal-British


Erodi

Royal Engineers, C.R. Condor u H. Kitchener, meta għamlu studju taż-żona arkeoloġika fis-snin wara l-1870. Huma ħejjew ukoll pjanta u mappa ta' dawn l-antikitajiet. Mela, meta Crowfoot għamel l-iskavi arkeoloġiċi fl-1932, żbalja meta ħaseb li kien hu li kixef b'kumbinazzjoni din il-knisja fl-1931. Sadanittant esploraturi tas-seklu 19, bħal Edward Robinson, kienu ppruvaw jidentifikaw fdalijiet ta' bini Kristjan fir-rovini barra r-raħal, minħabba r-riferimenti li sabu fil-kitbiet ta' Phocas u Burcardo, imma ma rnexxielhomx.

Crowfoot ħaffer fiż-żona magħrufa bħala 'Aqtan ed Deir' (Artijiet tal-Monasteru). F'din iż-żona hu sab diversi ħitan, biċċiet ta' pavimenti mużajkati u



*Erodi Antipas - muniti*

ġwiebi tal-ilma, li hu identifikahom bħala fdalijiet ta' monasteru Biżantin tas-sekli 6-7. Fl-istess ġwiebi nstabu wkoll xi muniti u fuħħar ta' żmien ir-Re Kruċjat Amaury (1162-73). Crowfoot kien tal-fehma li dan il-monasteru kien jestendi għal xi 220 metru, u li f'nofsu kien hemm din il-knisja Biżantina.

L-ewwel knisja ma nafu kważi xejn dwarha. Forsi nqerdet f'xi terremot. Imma ċert li damet tintuża għal diversi sekli, ukoll fi żmien il-ħakma tal-Abbasidi fuq il-Palestina (750 - 969), anke meta l-knisja Biżantina ewlenija fir-raħal (li mbagħad reġgħet ġiet mibnija mill-Kruċjati bħala kattidral) kienet ilha meqruda.

Il-*Commemoratorium de Casis Dei* (c. 808) jitkellem dwar il-knisja "fuq il-ħabs ta' San Ġwann, fejn qatgħulu rasu." Jgħid li hemmhekk kienu għadhom qed isiru ċerimonji mill-Isqof Bażilju u xi 25 saċerdot u rħieb li kienu jgħixu hemmhekk. Denys Pringle ssuġġerixxa li din il-knisja Biżantinam, fil-fatt, inqerdet mill-Kaliff Ħakim (1009-1014), il-Kaliff Fatimida fanatiku li qered ukoll il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fl-1009. Il-knisja reġgħet inbniet madwar it-tmiem tas-seklu 11, bl-użu ta' diversi ġebliet u kolonni mill-fdalijiet arkeoloġiċi li kienu mxerrda f'dan is-sit. L-erba' kolonni li kienu jżommu s-saqaf troll tal-knisja jmorru lura għal dan iż-żmien, kif ukoll l-aktar partijiet antiki viżibbli tal-ħitan. Hemm xi bażijiet ta' kolonni li fihom hemm minquxa slaleb ta' lewn ħamrani. Kien hemm ukoll jidhru xi affreski ta' qaddisin fix-xaqliba tal-majjistral tal-knisja, datati lejn is-sena 1080, imma dawn inqerdu minn xi fanatiċi Musulmani.

Fl-era Kruċjata din il-knisja Biżantina reġgħet ġiet restawrata u x'aktarx mibnija mill-ġdid. Kien f'dak il-mument li l-Kappella tas-Sejba tar-Ras tal-Battista nbniet fil-kantuniera tal-majjistral tal-knisja, kif ukoll il-kripta li hemm taħtha u li għadha teżisti. Min-navata tal-knisja kien hemm żewġ turġien li kienu jwasslu lill-pellegrini fil-kappella li kien fiha wkoll ċirku tond tar-rħam fuq il-paviment.

B'differenza mill-Kattidral ta' San Ġwann Battista fir-raħal ta' Sebaste, bosta vjaġġaturi u pellegrini li żaru Sebaste kważi qatt ma jsemmu din il-knisja żgħira, u forsi lanqas kienu jafu bl-eżistenza tagħha. Imma għandna deskrizzjoni eċċellenti tal-knisja u tal-kripta fil-kitbiet tal-pellegrin Grieg minn Kreta Ġwann Phocas (1185): "Fiċ-ċentru tal-parti superjuri tal-belt hemm għolja, li fuqha fi żminijiet antiki kien wieqaf il-palazz ta' Erodi, fejn saret il-festa, u fejn dik it-tfajla krudila żifnet u rċeviet ir-ras qaddisa tal-Battista bħala rigal taż-żifna tagħha. Illum il-ġurnata, iżda, l-post sar monasteru Ruman (*sic.* il-kelma trid taqra Grieg). Il-knisja ta' dan il-monasteru għandha saqaf troll. Fuq ix-xellug tal-altar hemm kappella żgħira, li f'nofsha hemm medaljun (jew ċirku tond) tar-rħam, li jinsab fil-qiegħ ta' ħofra fonda li fiha kienet instabet ir-ras qaddisa tal-Prekursur, li sabuha l-anġli wara li Erodiade kienet difnitha f'dak il-post."

Viżitatur ieħor kien Burcardo del Monte Sion (1283). Dan jgħidilna li f'Sebaste kien hemm żewġ knejjes iddedikati lil San Ġwann Battista. Hu jiddeskrivi l-knisja żgħira

b'dawn il-kelmiet: "Il-knisja l-oħra tinsab fuq il-ġenb tal-għolja, fejn fl-antik kien hemm il-palazz ta' Erodi. Hemmhekk jgħixu xi rħieb Griegi, Kristjani, li laqgħuni bil-ħlewwa u tawni niekol. F'dik il-knisja dawn l-istess Griegi juru l-post li fih huma jgħidu li Ġwanni ġie maqful fil-ħabs u fejn Erodi qatagħlu rasu; jiena ngħid li din hi invenzjoni għaliex ... kulħadd jaf li Ġwanni qatgħulu rasu f'Macherunta (Machærus jew Makeronte, fil-Ġordanja, *N.d.A.*), li llum jismu Haylon." Burcard evidentement kellu raġun, għax il-post li jitkellem dwaru l-istoriku Lhudi Josephus Flavius rigward il-martirju tal-Battista hu l-fortizza ta' Machærus, fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Baħar il-Mejjet, fil-Ġordanja. Erodi Antipas ma kellux ġurisdizzjoni fuq is-Samarija meta qatel lil Ġwanni l-Battista.

Min-navata tat-tramuntana tal-knisja tmien tarġiet iniżżlu lill-pellegrini fil-kripta, li tinsab biss xi 2.3 metri taħt il-livell tal-knisja. Fuq il-ħitan kien hemm diversi slaleb imnaqqxin mill-pellegrini. Fis-saqaf tal-kripta kien hemm toqba li kienet miftuħa fil-paviment tal-knisja li hemm fuq il-kripta. Meta Crowfoot għamel l-iskavi u daħal fil-kripta, hu sab ukoll fdalijiet ta' qabar Biżantin fil-ħajt li jħares lejn il-lvant. Għalkemm hu ma ta l-ebda importanza lil dan il-qabar, imma nafu li dan kien il-post fejn kien instab kranju, li Ġwann Phocas (1185) jidentifikah bħala r-ras ta' San Ġwann Battista (Shimon GIBSON, *The Cave of John the Baptist*, Doubleday, USA 2004).

Kienet it-tradizzjoni tas-sejba ta' dan il-kranju meqjus bħala dak tar-Ras ta' San Ġwann Battista, u d-dedikazzjoni tal-knisja tal-martirju tiegħu f'Sebaste, li wasslet għall-istituzzjoni tal-festa tal-Martirju ta' San Ġwann Battista fid-29 ta' Awwissu, kemm fil-Knisja Latina kif ukoll fil-Knejjes tal-Lvant.



# IL-BEATITUDNIJIET FL-EVANĠELJI TA' SAN MATTEW U SAN LUQA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Henjin dawk li jġibu l-paċi għax huma jissejħu ulied Alla" (Mattew 5:9)*



## “Henjin Dawk…”

Il-kelma ‘beatitudni’ ġejja mill-kelma Latina ‘beatus’ li tfisser ‘hieni’ jew ‘ferhan’ jew ‘fortunat’, fil-Ġermaniż għandna l-kelma seligpreisung. Il-kelma Griega hija ‘makarios’ u dik Ebrajka hija ‘ashre’. (ara Mt 5 u Lq 6, ara ukoll Ġw 13,7; Rum 4,6-9; 1 Kor 7,40; Gal 4, 15; 1 Tim 1,11; Tt 2,13; Ġk 1,12; 1 Pt 3,14; Apok 1,3 u 19,9 u Salm 1, 32, u 84). Għalhekk il-kelma hija rikkorenti ħafna kemm fl-Antik u kemm fil-Ġdid Testment. Din il-kelma nsibuha wkoll fil-kitbiet ta’ Qumran (ara 4Q525 2 II, 1-6). Ix-xandira tas-sena tal-grazzja favur il-fqajrin, id-dgħajfin, il-persegwitati u l-imjassrin kollha tad-dinja turi t-tama li jrid inissel Ġesù fil-bniedem.

F’Ġesù hemm it-tamiet kollha tal-foqra, emarġinati, imjassrin, ta’ dawk l-‘anawim’ li emmnu u ttamaw fil-ħniena ta’ Alla; “ … mur, biegħ li għandek u agħtih lill-foqra.” (Lq 18:22). Dan narawh fl-istorja ta’ Lazzru l-Fqir (ara Lq 16:20-22). Naraw ukoll lil Zakkew il-Pubblikan li






jqassam ġidu lill-foqra f'Lq 19:8. Anke il-Magnificat tal-Madonna fl-Lq 1:51-53, fejn Marija tesprimi l-ħelsien lill-foqra: "Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin; mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ u lill-għonja bagħathom 'il barra b'xejn". Il-Madonna, 'il-mara 'fqira' ta' Jaħweh' li tafda fil-Kelma ta' Alla. Din it-tama lill-fqajrin narawha fuq kollox fid-diskors tal-Muntanja, bil-Ġermaniż: Bergpredigt, jew inkella l-priedka tal-muntanja f'Mattew 5:1-12 u fid-Diskors tal-Wita' f'Lq 6:20-26. Lq 7:18-23 jagħti r-risposta ta' Ġesù: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija!". Il-foqra jfittxu lil Ġesu, il-Messija tal-foqra kif naraw f'Mt 11:25 u Ġw 7:48. Infatti Ġesù jitlob mis-segwaċi tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jirċievu l-vera għana (Mt 6:24; 13:22). Anke San Pawl għandu dan il-ħsieb: "Hu li kien għani, sar fqir minħabba fikom biex jgħanikom bil-faqar tiegħu" (2 Kor 8:9).

## Il-Beatitudnijiet komuni f'Mattew u f'Luqa

"Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet". Il-foqra, bil-Grieg "ptokoi" u bl-Ebrajk "anawim", fil-bidu fit-Testment il-Qadim kienu klassi soċjali b'konnotazzjoni ftit li xejn reliġjuża. Iżda ftit ftit "foqra" bdiet tieħu sens reliġjuż. L-idea kienet li l-għani mhux inklinat li jirrikorri għand Alla għax ma jonqsu xejn, waqt li l-fqir maħqur iħares lejn Alla. Fis-Salmi l-fqir jidher bħala l-ħabib u l-qaddej ta' Jaħweh (ara Salm 86:1). Dawk li jbatu u jitolbu bl-umiltà huma msejħin il-'foqra ta' Jaħweh'. Ġie ssuġġerit li San Mattew jikkonċentra fuq klassi spiritwali (jikteb "foqra f'qalbhom") u Luqa jikkonċentra fuq klassi soċjali (ma jsemmix "f'qalbhom"). L-idea ta' Mattew hi li dawn in-nies iħarsu lejn Alla għax m'hemmx il-ġid li jtellifhom.

San Luqa li l-vanġelu tiegħu huwa meqjus bħala l-vanġelu tal-foqra, juża darba waħda l-kelma 'penichre' għal fqir waqt li Mark 12:42 juża 'ptoche' (fl-episodju tal-offerta tal-armla fqira) li Luqa jużaha għaxar darbiet mill-34 waħda li nsibu fil-Ġdid Testment.

"Imberkin l-imnikktin, għax jitfarrġu." Il-konsolazzjoni tal-imnikktin hi ħaġa taż-żmien messjaniku (ara Iżaija 51). Huma jitfarrġu għax għad ikunu mfarrġa. Hawnhekk il-verb oriġinali fil-Grieg huwa fil-futur passiv. Dan jissejjaħ skont il-Biblisti bħala it-"Theological Passive" u juri implikazzjoni divina, li l-faraġ ġej minn Alla.

"Imberkin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tas-sewwa, għax ikunu mxebbgħin." Ġuħ jista' jittieħed f'sens fiżiku jew ġuħ għall-kelma tal-Mulej. Mattew jispeċifika "... tas-sewwa", jiġifieri għall-kelma tal-Mulej.

Rigward is-suġġett tat-tmaqdir f'Mattew insibu "intom" (jgħajrukom, jagħmlu għalikom, jgħidu kull deni fuqkom bil-gideb). F'Luqa huma "in-nies" li jobogħdukom, ixerrdukom, igħajrukom, ibarru isimkom bħala ħazin.

## Il-Beatitudnijiet l-oħra f'San Mattew

Tajjeb li ngħidu hawnhekk li l-barkiet f'Mattew huma f'paragun mat-twissijiet li nsibu f'7;13-27 u għalhekk fid-Diskors twil tal-Muntanja; "Imberkin dawk li jħennu, għax ikollhom min iħenn għalihom." Din il-ħniena għandha żewġ aspetti: maħfra tal-ħtija jew ħsara u ħniena.

"Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw 'l Alla." Il-qalb hija ċ-ċentru tal-ħajja spiritwali u mentali. Qalb safja jfisser kuxjenza safja. Jaraw 'l Alla, ħaġa li jixtieqha min hu ġust.

"Imberkin dawk li jġibu s-sliem, għax jissemmew ulied Alla." L-Era Messjanika, l-era ta' Ġesù hija l-era ta' paċi. L-operaturi tal-paċi jissejħu ulied Alla.



"Imberkin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet." Is-sewwa, bil-Grieg "dikaiosune", kelma li tinsab seba' darbiet f'Mattew. Tista' tfisser: l-attivita` divina salvifika (3,15), jew mod ta' ħajja (5,20). Xi drabi l-kelma tista' tirreferi għat-tnejn (Mt 6,10). Bħal Għerf 2,20, il-ħażin jippersegwita l-ġust. L-insara huma ppersegwitati mhux għax jgħixu sewwa iżda għax huma nsara.

"Imberkin dawk li qalbhom ħelwa, għax jiksbu l-art." Ta' qalbhom ħelwa jiġifieri l-'anawim', li waqt il-persekuzzjoni jużaw paċenzja. Jiksbu (jirtu) l-art. Fil-"Pescher" ta' Qumran, il-ġwejdin jirtu l-art, li hi l-muntanja ta' Ġerusalemm. Li tiret l-art kienet mifhuma bħala ħaġa materjali. Wara l-idea saret aktar spiritwali, għalkemm fi żmien Kristu l-idea materjali kienet għadha teżisti.

## Konklużjoni

Żgur li dawn il-beatitudnijiet huma ċwievet jew triqat li jwasslu għall-ferħ veru. Anke fit-tbatija, fis-sagrifiċċju, meta jkun mmaqdar in-nisrani jista' isib ruħu hieni fir-rieda tal-Mulej. Dan huwa l-awgurju li jagħmlilna Ġesù nnifsu jekk aħna nimxu warajh.

## Bibliografija


ALLISON, D.C., "THE STRUCTURE OF THE SERMON ON THE MOUNT", IN *JBL* 106 (1987)423-445.

BOTTINI, G.C., *Introduzione all'Opera di Luca. Aspetti teologici,* Studium Biblicum Franciscanum Analecta 35, Jerusalem 1992.

BROOKE, G.J., *Qumran and the Jewish Jesus: Reading the New Testament in the Light of the Scrolls*, Grove Biblical Series 35, Cambridge 2005.

CONZELMANN, H., *The Theology of St. Luke*, Philadelphia (PA) 1981.

COUSLAND, J. R.C., *Messiah, the Healer of the Sick: A Study of Jesus as the Son of David in the Gospel of Matthew", Journal of Biblical Literature* 124/4 (2005) 768-771.

DUMAIS, M., *IL DISCORSO DELLA MONTAGNA*, TORINO 1999.

FAUSTI, S., *Una Comunita` legge il Vangelo di Luca*, Bologna 2001.

F. HAUCK, 'MAKARIOS', IN *GRANDE LESSICO DEL NUOVO TESTAMENTO*, BRESCIA, 1999.

LEON-DUFOUR, X., *Resurrection and the Message of Easter*, New York 1975.

JOHNSON, L.K., *Gospel of Luke*, Sacra Pagina 3, Collegeville (MN) 1991.

Martini, C.M., *Il Discorso della Montagna. Meditazioni*, Milano 2006.



# IL-MISSJONI IEBSA TAL-PROFETA ELIJA. (1)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Wieħed mill-profeti kbar u li ħalla nfluss qawwi mhux biss fuq il-kittieba tat-Testment il-Qadim imma wkoll fuq dawk tal-Ġdid, huwa l-profeta Elija it-Tisbi. Isem Elija li jfisser "Alla tiegħi huwa Jahweh" jidher għal mija u tlettax-il darba. Ta' min iżid ukoll li isem dan il-profeta fost il-personaġġi tat-Testment il-Qadim huwa l-aktar imsemmi fit-Testment il-Ġdid.



Dan huwa wieħed minn dawk il-profeti li ma kitbu xejn: difatti ma hemm ebda ktieb tal-profeta Elija. Biss il-missjoni tiegħu, is-sejħa tiegħu, it-tagħlim li huwa għallem il-kumbattiment li kellu mar-reġina Ġeżabel, is-sejħa li Elija għamel lil sieħbu Eliżew, dawn jinsabu reġistrati fl-ewwel u fit-tieni ktieb tas-Slaten. Iż-żewġ personaġġi prinċipali li magħhom tant tħabat u ssielet Elija kienu s-sultan Aħab u martu l-pagana Ġeżabel. Din tal-aħħar pagana ġejja minn pajjiż li ma kien jaf xejn dwar it-twemmin, il-festi u jum is-Sibt tal-Lhud.

## L-imġiba ġewwenija ta' Elija

Hemm erba' waqtiet u aspetti ta' kif Elija għex l-imġiba tiegħu minn ġewwa meta ġie wiċċ imb wiċċ mal-iebes. L-ewwel, Elija fil-qadi tal-missjoni profetika tiegħu ma beża' minn ebda awtorità umana. Għalhekk kien iħossu ħafna u ħafna ħieles li jċanfar lis-sultan Aħab; anzi fl-Istorja tas-Salvazzjoni, Elija huwa dak il-profeta mill-aqwa biex iwiddeb lis-sultan. Il-profeta tan-nar (Sir 48,1).

U biex nifhmu aktar l-ambjent ikrah u pagan li fih għex Elija huwa sewwa li nikteb dak li tgħidilna l-Kelma ta' Alla: "Iżda l-għemil ħażin ta' Aħab bin Għomri lill-Mulej xejn ma għoġbu: għamel agħar minn dawk kollha li kien hemm qablu. Xejn ma kien iqisha bi kbira li jagħmel huwa wkoll id-dnubiet li kien waqa' fihom Ġerobogħam bin Nebat: iżżewweġ lil Ġeżabel bint Etbagħal, sultan tal-poplu ta' Sidon u wasal biex ta qima lil Bagħal u adurah. Lil dan għamillu wkoll artal fit-tempju li bnielu f'Samarija" (1 Slat 16,29-32).

Quddiem din l-idolatrija qawwija Elija tkellem tassew iebes mas-sultan: "Elija minn Tisbi ta' Gilgħad, qal

lil Aħab: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, Alla ta' Israel, li jien inservi quddiemu, ma jkunx hemm dawn is-snin la nida u lanqas xita, jekk mhux meta nitkellem jien." ( 1 Slat 17,1).

Donnu Elija ried ifisser hekk; intom fittixtu li l-art tagħkom tkun għammiela billi poġġejtu l-allat pagani, iżda l-art se tibqa' niexfa. Din kienet l-ewwel azzjoni qawwija ta' Elija li jwassal il-kastigi ta' Alla.

It-tieni theddida ġrat ħafna żmien wara meta mill-ġdid Elija iltaqa' mas-sultan. "Hekk kif Aħab ra lil Elija qallu: Inti r-rovina ta' Israel". Elija wieġbu: "Jien ir-rovina ta' Israel! iżda pjuttost int flimkien mal-familja tiegħek, u dan għaliex intom abbandunajtu l-kmandamenti ta' Alla u qegħdin timxu fuq dawk ta' Baal! Ħaffef, qed namarlek iġbor lil Israel fuq il-muntanja tal-Karmelu int flimkien ma erba' mitt profeta ta' Baal u erba' mitt profeta ta' Asera, li dawn jieklu minn fuq il-mejda ta' Ġeżabel" ( 1 Slat 18,17-19).

It-tielet darba fejn niltaqgħu ma' Elija iċanfar bil-qawwa kollha s-sultan huwa l-kuntest tal-għalqa ta' Nabot. Mart Aħab biex tisraq l-għalqa tad-dwieli waslet biex qaltlu biex iqum u jiekol għaliex hija Ġeżragħel kienet se tagħtih l-għalqa tad-dwieli naturalment bl-inġustizzi kollha meħtieġa. Iżda meta ġara dan, l-Mulej nebbaħ lil Elija, dan mar u ltaqa' ma' Aħab u venvinlu sajjetta li ħarqitu: "Fejn il-klieb laqgħu demm Nabot, hemm il-klieb jilagħqu demmek ukoll……U kompla Elija: "Fuq is-swar ta' Ġeżragħel lil Ġeżabel għad jikluha l-klieb" (1 Slat 21,19-20; 23).

F'din l-okkażjoni ħareġ għad-dawl kemm il-profeta ħadha bil-qawwa kontra l-inġustizzji soċjali u dan għamlu mingħajr ebda biża' ta' xejn u rispett uman.

Ir-raba' ċanfira ta' Elija din id-darba tmur għand is-sultan Aħażija, iben Aħab. Dan Aħażija mar jistaqsi lil Bagħal-żebub alla ta' Għekron biex isir jaf jekk hux se jfiq jew le mill-marda tiegħu. "U Elija qallu: 'Dan jgħid il-Mulej: Int bgħatt messaġġier jistaqi lil Bagħal-żebub, alla ta' Għekron bħallikieku ma kienx hemm Alla f'Israel biex tistaqsuh kelmtu; għalhekk il-mitraħ li nxħett fuqu ma tinżilx minnu għax se tmut żgur'. U Aħażija miet skont il-kelma tal-Mulej li qal lil Elija" (2 Slat 1,16-17a).

Din il-kwalità ta' fiduċja tmur kollha kontra l-ewwel kmandament.

## Osservazzjoni

Il-fatt li Elija kien iqis lilu nnifsu bħala l-qaddej fidil, ġenwin u leali ta' Jahweh allura huwa akkwista dak il-kuraġġ li ma ħalliehx jiskot. Hekk Elija sar imsemmi



għall-kuraġġ, ħila u qawwa matul iż-żmien kollu li ġie wara waqt il-missjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, Ġwanni l-Battista dejjem minħabba l-fatt li ċanfar is-sultan Erodi dwar il-pożizzjoni xejn f'postha tiegħu, jiġi mxebbah ukoll ma' Elija.(Mk 6 ,14-15).

Sant'Ambroġ wieħed mid-dutturi tal-punent jiddedika ħafna mill-kitbiet ta' riflessjoni dwar dawn l-imsemmija episodji ta' Elija. U dan ġara għaliex Ambroġ sab lilu nnifsu f'sitwazzjonijiet jixbhu lil dawk ta' Elija. Ambroġ jikteb li ċ-ċanfir lis-sultan Aħab huwa ta' eżempju tassew utli u meħtieġ; infatti fejn hemm ħtijiet gravi "jidher li l-qassis ma għandux jiskot milli jikkoreġi permezz ta' ċanfira ġusta". Wieħed hawn sewwa li jiftakar fil-parabbola ta' "l-Għani u Lażżru" (Lq 16,19-31) speċjalment v 27.



L-għani qatt ma ikkoreġa lil ħames ħutu u kien qed jiddisjaċih.

## Elija għex is-solitudni spiritwali

Il-profeta Elija ma beżax fuq il-muntanja tal-Karmelu fejn ġabar lil Israel kollu flimkien mal-profeti foloz. F'dak il-waqt Elija għajjat: "Jien bqajt waħdi, bħala l-profeta tal-Mulej, waqt li l-profeti ta' Bagħal jgħoddu erba' mija u ħamsin (1 Slat 18,22).

Lanqas ma għandu jkollna biża' mis-solitudni. Ta' sikwit aħna naħsbu li meta nkunu waħidna nkunu niżbaljaw, nkunu nissieltu kontra l-imtieħen tar-riħ, u li l-opinjoni pubblika għandha raġun. Biss fir-realtà meta hemm l-għarfien profond ta' Alla u tal-volontà tiegħu, s-solitudni mhix tqila!

Matul dawn il-waqtiet ta' solitudni Elija ma beżax. Sant' Ambroġ għandu erba' kummenti tassew sbieħ għal dawk li jgħixu fil-preżenza ta' Alla. Ambroġ jitlaq mill-vers ta' Luqa 4,25 fejn jikteb li "s-sema dam magħluq tlitt snin u sitt xhur".

Ambroġ ifisser hekk: (a) Għal dawk perfidi kien bil-lejl, imma għal Elija kien hemm id-dawl, (b) Għal dawk ta' qalbhom iebsa , s-sema kien magħluq imma għal Elija s-sema kien miftuħ. (c) Għal dawk suppervi, kien hemm il-karestija u għaks, imma għall-profeta kien hemm l-abbundanza. (d) Elija ma seta' qatt jieħdu l-ġuħ, għaliex kienu jiġu mis-sema u jaqduh fl-ikel iċ-ċawl, u dan għaliex Elija kien magħqud mal-Mulej. (e) Mela fl-istess dlam il-ġust huwa dawl għalih stess.

Kull min qiegħed jgħix fil-preżenza ta' Alla dan għandu dawl intern u ma jibżax mid-dlamijiet Għal Elija din "il-għaqda" ma tikkonsistix f'xi mument ta' pjetà jew ta' kult! Dan huwa stat ta' ħajja li Elija fassalha u mmodellaha grazzi għar-rispett mimli mħabba lejn il-Mulej Alla li huwa għażel biex iservih u jaqdih bil-qalb tiegħu kollha, bir-ruħ kollha u bil-menti tiegħu kollha. L-atteġġjament ta' Elija huwa wieħed sħiħ ta' adorazzjoni u ta' offerta tiegħu nnifsu 'l Alla, ta' riverenza u dedikazzjoni, jiġifieri ta' għotja sħiħa. Elija kellu fl-intimità tiegħu dak l-atteġġjament fundamentali tal-bniedem li jipprattika x-Shema Israel (Dt 6,4-7).

Adura lill-Mulej Alla tiegħek u lilu biss aqdi. Dan huwa

l-atteġġjament reliġjuż fl-ogħla grad. Wieħed għalhekk irid li Alla jkun l-ewwel wieħed li jiġi adurat u moqdi: Li tkun dispost li tisma' biss lilu; taqdih b'imħabba ġeneruża, u dan isir fil-kult u fil-liturġija u fit-tagħlim. Dan l-atteġġjament interjuri kien jinsab fil-milja tiegħu fl-intimu tal-profeta Elija.

## Iż-żelu ta' Elija

Mimli kif kien bl-imħabba lejn Alla ta' missirijietu, il-profeta Elija kellu żelu mhux komuni biex ixandar u juri li hemm Alla wieħed biss! Din il-ħeġġa kienet waħda mis-sinjali – kariżmi – li kellu Elija, u kien għalhekk li ġie meħud is-sema fuq karru tan-nar. "Jien mimli ħeġġa għall-Mulej tal-eżerċti" wieġeb Elija fuq il-Ħoreb (cf 1 Slat 19,10.14)

U dan iż-żelu li kellu l-profeta, wasslu biex xandar li Alla huwa wieħed, monoteizmu, għallem li wieħed għandu jafda biss u dejjem fih u mhux f'allat bla sens u fuq kollox insista bil-kbir kemm hija ħaġa kera l-inġustizzja soċjali u l-aktar meta din issir mal-fqir, mal-marid, mal-armla u ma min hu debboli. Dan kollu wasslu Elija mingħajr biża' ta' ħadd u ta' xejn. Il-ktieb ta' Bin Sirak ikompli isaħħaħ u jissiġilla din il-verità tal-ħeġġa tal-profeta: "Mbagħad qam qisu nar Elija, il-profeta u kelmtu kienet taqbad bħal ħuġġieġa" (48,1).



*Elija profeta*

# IL-GVERNATURI RUMANI FIL-PALESTINA




***Marcello Ghirlando***

Wara r-rewwixta tal-Makkabin, il-preżenza espansiva tar-Rumani fil-Lvant Nofsani kienet aktar preżenza ta' faraġ. Mhux ta' b'xejn li l-Makkabin u mbagħad l-Asmonin ippruvaw iżommu relazzjonijiet ta' ħbiberija magħhom. Hawnhekk ta' min iżomm quddiem għajnejh dak li jikteb l-awtur sagru ta' 1 Makk 8:1: "Ġuda sema' b'isem ir-Rumani; x'qawwa militari

kellhom, u kemm kienu jġibu lil min jinġibed lejhom; li kienu wkoll lesti li jagħmlu ħbieb ma' dawk li jersqu lejhom, u li għalhekk kisbu dik il-qawwa kollha....".

Interessanti ferm huwa wkoll il-ftehim bejn il-Lhud u r-Rumani f'8:22-29: "Din hi kopja tal-ittra, li naqqxu fuq twavel tal-bronż u bagħtuha Ġerusalemm biex tibqgħalhom hemmhekk b'tifkira tal-paċi u l-alleanza: 'Jalla r-risq lir-Rumani u lill-ġens Lhudi, fuq il-baħar u fuq l-art, għal dejjem. Jalla x-xabla u l-għadu jkunu 'l bogħod minnhom. Jekk tinqala' gwerra kontra Ruma l-ewwel jew kontra l-alleati tagħhom f'artijiethom kollha, il-ġens Lhudi jgħinhom minn qalbhom skont ma jkun jitlob iż-żmien. U l-għedewwa la jagħtuhom u lanqas ifornulhom qamħ, la armi, la flus, la ġfien, skont ma jogħġob lil Ruma; u għandhom iħarsu l-obbligazzjonijiet tagħhom mingħajr ma jieħdu xejn. Hekk ukoll jekk il-ġens Lhudi jkun attakkat l-ewwel, ir-Rumani jgħinuhom fil-ġlied minn qalbhom, skont ma ż-żmien ikun jitlob. U ma jagħtux lill-għedewwa tagħhom la qamħ, la armi, la flus, la ġfien, skont ma jogħġob lil Ruma, u jħarsu dawn l-obbligazzjonijiet mingħajr ebda ingann. Hekk ir-Rumani ntrabtu mal-poplu Lhudi skont dan il-ftehim.'"

Iżda kollox inbidel meta fis-sena 63 QK u minkejja r-reżistenza ta' Aristobolu II, il-Ġeneral Pompej ħabat għal Ġerusalemm bil-forza. Minn dakinhar 'il quddiem il-poplu Lhudi waqgħu taħt il-ħakma tal-Imperu Ruman; saru Provinċja jew saltna dipendenti minn Ruma li kienet tinnomina min kellu jmexxi.

Għandna eżempju ċar fil-ftuħ tal-Ġdid Testment meta nkiteb li s-sultan fil-Palestina kien Erodi l-Kbir li kien mill-Idumija. Wara s-suċċessi li kellu meta ggverna fil-Galilija mis-sena 47 QK, is-senat Ruman għażlu bħala sultan tal-Lhud fis-sena 40 QK. Erodi, magħruf għall-binjiet u l-monumenti li ħalla warajh, baqa' kompletament grat lejn ir-Rumani, u minkejja li saltan b'mod vjolenti u bla skrupli u qered lill-għedewwa kollha, veri jew presunti (ara: Mt 2) ħalla warajh saltna relattivament stabbli, b'poplu li kien jobogħdu!

Mal-mewt tiegħu, Ruma, Awgustu neħħa t-titlu ta' sultan li kellu Erodi u lil uliedu qasmilhom saltnatu fi tlieta: Erodi Arkelaws sar etnarka tal-Idumija, il-Lhudija u s-Samariija; Erodi Antipas (dak li qata' ras Ġwanni l-Battista) sar tetrarka tal-Galilija u l-Perea u Erodi Filippu sar tetrarka tal-Batanija, l-Iturija u t-Trakonija.

Arkelaws kien agħar minn missieru Erodi. Kien tirann






u l-Imperatur Awgustu, wara li ta kas għal delegazzjoni li waslitlu min-naħa tal-Lhud u s-Samaritani, neħħih fis-sena 6 WK. Minn dakinhar 'il quddiem, neħħi s-snin 41-44 WK li fiha saltan Erodi Agrippa I, kemm l-Idumija, il-Lhudija u s-Samarija, u wara s-sena 44 WK 'il bqija tas-saltna ta' Erodi l-Kbir, tmexxew direttament minn Gvernaturi Rumani.

Jidher li, minkejja talba ta' xi Lhud mal-mewt ta' Erodi l-Kbir li saltnatu tkun parti mill-Provinċja Rumana tas-Sirja, Awgustu ma riedx. Madanakollu, wara t-tneħħija ta' Arkelaws, jidher li l-Palestina tqieset bħala parti mill-Provinċja tas-Sirja, tant li diversi Gvernaturi Rumani mis-



*Masada - Il-Palazz ta' Erodi l-Kbir*

Sirja kienu spiss jindaħlu militarment u kellhom l-aħħar kelma fuq il-Gvernaturi fil-Palestina u saħansitra fuq il-Qassisin il-Kbar. Wara t-tieni rvell tal-Lhud kontra r-Rumani bejn is-snin 133-135 WK il-Palestina ġiet immexxija minn gvernatur li kellu t-titlu formali ta' *legatus Augusti pro praetore provinciae Iudaea.*

Anke l-arkeoloġija tikkonferma li s-sede tal-Gvernatur kienet fil-belt ta' Ċesarija fuq il-baħar, mibnija minn Erodi l-Kbir. Mill-Vanġeli nafu li fil-festi l-kbar Lhud kienu jitilgħu fil-palazz ta' Erodi u fil-Fortizza Antonia f'Ġerusalemm, anke dawn frott il-ħidma bennejja tal-istess Erodi l-Kbir.

## Ħidmet il-Ġvernaturi

It-titlu grieg *hegemon* huwa użat biex jindika l-gvernaturi Rumani tal-Palestina. Hija kelma li tfisser *gvernatur, prokonslu, legat* jew xi uffiċċjal Ruman inqas fil-grad. Il-Latin juża l-kelma *prafectos*, titlu li kien soltu jintuża għal kmandant militari fuq minn 500 sa 100 suldat. Tintuża anke l-kelma *procurator*, li tfisser uffiċċjal finanzjarju ta' provinċja jew gvernatur. Meta fl-1961 instabet l-iskrizzjoni Latina f'Ċesarija fuq il-baħar, din irreferiet għal Ponzju Pilatu bħala *praefectus.* Jidher li hekk kienu jissejħu sa żmien l-Imperatur Klawdju.



Wara kellhom it-titlu ta' *procurator*.

Il-gvernaturi Rumani tal-Palestina kienu jintgħażlu mill-ordni ekwestri Ruman. Eċċezzjoni kien Feliċ, raġel li kien inħeles mill-istat ta' jasar. Kienu nies ta' esperjenza amministrattiva u militari li kienu jsibu min jimbuttahom. Sa żmien l-Imperatur Klawdju kienu Taljani jew Latini. Wara kien hemm tlieta li kienu Griegi jew ta' oriġini mil-Lvant. Kienu jiġu magħżula u mneħħija direttament mill-Imperatur u kienu jdumu skont il-policy tal-Imperu. Fi żmien Awgustu kienu jservu fuq medja ta' tlett snin u matul l-24 sena ta' Tiberju kien hemm biss żewġ gvernaturi. Wara Tiberju kienu jdumu għal medja ta' sentejn kull wieħed.

Il-gvernaturi tal-Palestina kellhom forzi armati awżiljarji li kienu ġejjin mill-popolazzjoni Griega ta' Ċesarija u Sebaste. Kienu jitmexxew minn uffiċċjal li kien ikun ċittadin Ruman. L-armata kienet toqgħod Ċesarija u fix-xitwa kienet titla' Ġerusalemm, parti minnha bbażata fil-Fortizza Antonia, fin-naħa tat-tramuntana tat-Tempju.

L-għoti tal-piena kapitali kien dritt esklussiv tal-gvernatur Ruman u dan kien jurih billi jilbes l-uniformi militari u jżomm xabla. Kellu poter assolut fuq il-popolazzjoni li ma kenux ċittadini Rumani u dawk li kienu kellhom dritt li jiddefendu ruħhom fil-qorti u fl-appell (jiġina f'moħħna San Pawl li fl-aħħar jappella wkoll li l-każ tiegħu jinstema' Ruma, kif fil-fatt ġara). Ruma kienet iddelegat ukoll is-setgħa lill-gvernaturi li jinnominaw u jneħħu l-Qassisin il-Kbar u li jamministraw l-ilbies tal-Qassis il-Kbir. Dawn kienu setgħat li kellhom qabel Erodi l-Kbir u ibnu, Erodi



Arkelaws. Jidher li wara żmien il-gvernatur Ponzju Pilatu dawn is-setgħat ingħataw lil-legat Ruman fis-Sirja, Vitellius li ħalla l-amministrazzjoni tal-ilbies f'idejn il-qassisin Lhud.

Il-gvernaturi kienu l-amministraturi finanzjarji tal-provinċja u kellhom id-dritt joħorġu l-muniti tagħhom; kienu jorganizzaw il-ġbir tat-taxxi bl-għajnuna tal-pubblikani, imqabbdin mill-istat, u l-kondutturi li kienu l-aġenti tagħhom. Xi Lhud kienu jidħlu wkoll għal dan ix-xogħol (ara: Mk 3:13-19 u Lq 19:1-10). Mhux l-ewwel darba li l-gvernaturi kienu jħaxxnu bwiethom mill-ġbir tat-taxxi biex jissupplimentaw il-paga tagħhom ta' mitt elf *sestertii.* Ma kien faċli xejn teħodha kontra gvernatur meta kull appell kontrih kellu jiġi approvat minnu stess!

Ħa nagħtu issa ħarsa qasira lejn it-tliet gvernaturi Rumani fil-Palestina li jissemmew fil-ktibiet tal-Ġdid Testment.

## Ponzju Pilatu

Pontius Pilatus kien il-ħames prefett tal-Lhudija. Iggverna għal għaxar snin (26-36 WK) u l-ħjiel li għandna fuqu jinsab fil-kitbiet ta' Ġużeppi Flavju, Filun ta' Lixandra, Taċitu, il-Ġdid Testment u l-iskrizzjoni misjuba f'Ċesarija fuq il-baħar fl-1961. Ismu jixhed li x'aktarx kien mir-reġjuni ta' Samnium, fl-Italja ċentrali u ġie nominat mill-Imperatur Tiberju fi żmien meta kien permess li l-gvernaturi jieħdu l-mara magħhom (Mt 27:19). Jidher li Pilatu kien provokattiv kontra l-Lhud: dan deher fil-fatt meta fis-satra tal-lejl daħħal l-istandardi b'wiċċ l-Imperatur fil-belt ta' Ġerusalemm. Neħħihom biss meta kien jidher li l-oppożizzjoni kellha twasslu biex jagħmel massakru mil-Lhud. Il-Vanġelu (Lq 13:1-2; 23:12) jista' b'xi mod jikkonferma dak li jgħidu l-istoriċi meta jgħidu li Pilatu ħa l-fondi mit-teżor tat-Tempju biex jibni l-akwedott tal-ilma. Il-protesta waslet għall-qtil brutali ta' xi Galilin. Irrifjuta li jikkunsidra s-sensibilita'

reliġjuża tal-Lhud meta ried li l-muniti tiegħu ikollhom simboli reliġjużi Rumani. Meta tella' tarki tad-deheb fuq ir-residenza tiegħu f'Ġerusalemm bl-ismijiet tiegħu u ta' Tiberju, kellu jkun l-Imperatur innifsu li ġiegħlu jniżżilhom Ċesarija. Kellu jtemm il-karriera tiegħu fil-Lhudija wara massakru li għamel kontra s-Samaritani. Dawn ipprotestaw mal-legat Vitellius fis-Sirja li ordna li jmur Ruma. Minn hawn Ponzju Pilatu jisparixxi mix-xena.

Filun jiddeskrivi lil Pilatu bħala bniedem supperv u krudil, mhux kapaċi jikkontrolla r-rabja tiegħu: l-amministrazzjoni tiegħu kienet korrotta, lest li jagħti l-piena kapitali mingħajr l-ebda proċess ġuridiku. Dam fil-kariga għaliex l-Imperatur Tiberju ma kienx jagħti kas u anke minħabba l-politika tiegħu li ma jbiddilx il-gvernaturi ta' spiss. Jidher li ta' dan kollu għandna rifless fir-rakkonti tal-passjoni ta' Ġesu' meta l-evanġelisti jitkellmu mill-opportuniżmu tiegħu fir-relazzjoni tiegħu ma' Erodi Antipas, in-nuqqas ta' prinċipji quddiem it-theddid tal-Lhud u l-provokazzjoni li nsinwa bil-kitba fuq is-salib ta' Ġesu'(Mt 27:11-26; Mk 15:6-15; Lq 23:13-35; Ġw 18:28 – 19:16).

Biżżejjed nġibu hawnhekk ix-xhieda li jagħtina San Mattew (27:11-26): "Ġesù waqaf quddiem il-gvernatur; u dan staqsih: "Int is-sultan tal-Lhud?" U Ġesù wieġbu: "Inti qiegħed tgħidu." Iżda meta l-qassisin il-kbar u x-xjuħ bdew jakkużawh, hu ma wieġeb xejn. Għalhekk Pilatu qallu: "M'intix tisma' kemm ħwejjeġ qegħdin jixhdu kontra tiegħek!" Iżda hu anqas għal akkuża waħda ma wieġeb, hekk li l-gvernatur baqa' mistagħġeb ħafna. Nhar ta' festa l-gvernatur kien soltu jitlaq wieħed ħabsi, lil min iridu huma. Dik il-ħabta kellhom wieħed ħabsi magħruf, jismu Barabba. Mela kif kienu miġbura, Pilatu qalilhom: "Lil min triduni nitilqilkom, lil Barabba jew lil Ġesù li jgħidulu l-Messija!" Għax hu kien jaf li kienet l-għira li ġegħlithom jagħtuh lil Ġesù f'idejh. Issa waqt li kien bilqiegħda fuq is-siġġu tat-tribunal, martu bagħtet tgħidlu: "Qis li ma jkollokx x'taqsam ma' dan ir-raġel ġust, għax illum minħabba fih batejt ħafna fil-ħolm." Iżda l-qassisin il-kbar u x-xjuħ ġiegħlu lill-poplu jitolbuh lil Barabba u jeqirdu 'l Ġesù. Il-gvernatur, mela, raġa' staqsihom: "Lil min triduni nitilqilkom minnhom it-tnejn?" "Lil Barabba." Qalilhom Pilatu: "U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?" Weġbuh ilkoll: "Sallbu!" Hu staqsihom: "Imma x'għamel ħażin?" Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu: "Sallbu!" Meta mbagħad Pilatu ra li kollox kien għal xejn, anzi li aktarx kienet se tinqala' xi rewwixta, qabad, ħasel idejh fl-ilma quddiem il-poplu u qal: "Jien m'iniex ħati ta' dan id-demm: dan arawh intom!" U l-poplu kollu qabeż u qal: "Demmu fuqna u fuq uliedna!" Mbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh".

## Feliċ

Antonius jew Claudius Felix huwa l-ħdax-il gvernatur Ruman; daħal flok Cumanus u x'aktar dam jiggverna xi għaxar snin, fis-sin ħamsin tal-ewwel seklu WK. Feliċ kien bniedem li kiseb il-ħelsien tiegħu minn Antonia, omm l-Imperatur Klawdju. Il-konnessjoni tiegħu mal-familja imperjali ffavorietu biex ikun il-gvernatur fil-Palestina, anke għaliex kien ġie mitlub lill-Imperatur mill-Qassis il-Kbir Ġonatan. Iżżewweġ tliet darbiet u skond l-istoriku Svetonju, bis-saħħa ta' waħda min-nisa tiegħu – Drusilla - tħallat mad-dinastija Erodjana.

Feliċ mexxa b'politika ta' paċifikazzjoni billi ħadha qatta bla ħabel kontra l-mexxejja ta' dawk li kienu jużaw il-vjolenza u jiżirgħu l-biża' fil-popolazzjoni. Kellu jeħodha b'qilla kontra moviment reliġjuż immexxi minn Eġizzjan (f'Atti 21:38 Pawlu bi żball tqies bħala dan il-profeta falz). Mat-terroristi magħrufa bħala *sicarii* Feliċ kien opportunist:

daqqa ħadha kontrihom u daqq'oħra nqeda bihom biex joqtlu lill-Qassis il-Kbir Ġonatan meta dan ħadha pubblikament kontra l-azzjonijiet tiegħu. L-aħħar tixrid tad-demm seħħ kontra diversi Lhud f'Ċesarija li kienu qed jeħduha ma' xi Griegi-Sirjani fuq drittijiet għall-proprjeta'.

Jidher li Feliċ, għax dejjem kellu r-riħ fil-qala minħabba l-konnessjonijiet tiegħu mal-familja Imperjali, għamel li ried u spiss kien iebes u aħrax. Delegazzjoni Lhudija minn Ċesarija, li akkużatu quddiem l-Imperatur Neruni, ma wasslet imkien.

Dan kollu jidher xi ftit meta l-Appostlu Pawlu deher quddiem Feliċ; Pawlu jfaħħar il-ħidma legali u l-isforz għall-paċi tiegħu (Atti 21:38 u 24:2.10). Iżda l-kilba għall-flus u l-opportuniżmu politiku tiegħu għamlu li Pawlu jibqa' taħt arrest f'Ċesarija (Atti 24:26-27).

Hekk kiteb Luqa f'Atti 24:24-27: "Ftit jiem wara ġie Feliċ ma' martu Drusilla, li kienet Lhudija. Bagħat għal Pawlu u qagħad jisimgħu jitkellem fuq il-fidi f'Ġesu' Kristu. Pawlu beda jiddiskuti miegħu fuq il-ġustizzja, fuq it-trażżin tal-passjonijiet u fuq il-ġudizzju li għad irid jiġi. Feliċ beda jibża', u qallu: 'Għalissa mur; meta nkun nista' nibgħat għalik.' Fl-istess ħin kien qiegħed jistenna lil Pawlu jagħtih xi flus; għalhekk sikwit kien jibgħat għalih u joqgħod jitħaddet miegħu. Għaddew sentejn, u Porċjus Festu laħaq flok Feliċ. Imma biex jogħġob lil-Lhud, Feliċ ħalla lil Pawlu fil-ħabs".

## Porċjus Festu

Porcius Festus ħa post Feliċ madwar is-sena 59 jew 60 WK. Kien it-tnax-il gvernatur Ruman fil-Palestina. Miet fis-sena 62 WK u warajh ġie Lucceius Albinus. Anke Festu kellu jaħdem kontra dawk li kienu għajn ta' vjolenza u omiċidji fil-provinċja tiegħu.

Kisirha mal-qassisin tat-Tempju meta żamm ma' Erodi Agrippa II li kien għolla l-binja tal-palazz tiegħu b'veduta fuq it-Tempju u s-sagrifiċċji li kienu jsiru fih. Meta l-qassisin għollew ħajt fit-Tempju dawn fixklu l-veduta li kellhom is-suldati Rumani u Festu ried li l-ħajt jiżżarma. L-Imperatur Neruni, quddiem delegazzjoni ta' qassisin, minħabba r-reliġjożita' ta' martu Poppea, żamm mal-qassisin.

Ma tantx għandna ħjiel fuq Festu biex nagħtu ġudizzju fuq kif mexxa l-Provinċja imma jidher li l-iskuntentizza kienet kbira u l-għatx għar-ribelljoni kontra Ruma baqa' ibaqbaq minn taħt. L-Atti tal-Appostli jagħtuna ftit ħjiel tal-ewwel jiem ta' Festu fil-Palestina: b'rispett jitla' Ġerusalemm għand il-mexxejja Lhud (At 25:1), ried iħaffef il-proċess ta' Pawlu u jagħmlu sew (At 25:6.16). Kien fil-laqgħa ta' Erodi Agrippa II u Bereniċi ma' Festu li Pawlu jiddefendi ruħu (At 26: 1-31). Hu l-istess Pawlu li f'At 25:11-12 stqarr: "Nappella quddiem Ċesari! Mbagħad Festu, wara li tkellem mal-kunsill tiegħu qallu: 'Int appellajt għal quddiem Ġesari, u quddiem Ċesari tmur.'" Wara d-difiża tiegħu hekk kiteb Luqa f'At 26:30-31: "Mbagħad is-sultan, il-gvernatur, Bereniċi u dawk kollha li kienu bilqiegħda miegħu qamu. Huma u sejrin, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: 'Dan ir-raġel ma għamel xejn li jistħoqqlu l-mewt jew il-ktajjen.' U Agrippa qal lil Festu: 'Li ma appellax quddiem Ċesari, lil dan ir-raġel kont tista' titilqu.'"



# IL-QDUSIJA FIL-KTIEB TAL-APOKALISSI

***Rev Dr Martin Micallef OFMCap***

Kuntrarju għall-interpretazzjoni tradizzjonali tal-Apokalissi, numru ta' studjużi jargumentaw li, il-problema ewlenija li kienu qed jaffaċjaw il-komunitajiet Insara, li għalihom inkiteb dan l-aħħar ktieb tal-Iskrittura, ma kinetx il-persekuzzjoni uffiċjali min-naħa tar-Rumani,



għalkemm xi oppressjoni ’l hawn u ’l hemm aktarx li kienet possibbli. Minflok, l-akbar theddida għall-maġġoranza tal-knejjes li għalihom jiġi indirizzat dan il-ktieb kienet it-tentazzjoni li joħolqu kompromess mal-kultura dominanti Rumana li kienet marbuta mal-kult imperjali ta’ diversi allat tradizzjonali. Minħabba f’hekk, l-awtur tal-Apokalissi, identifikat bl-isem ta’ Ġwanni, kien meħud fis-sema ħalli jara d-dinja mill-perspettiva tal-ġenna. Din il-viżjoni profetika ta’ Ġwanni li fiha jara l-qaddisin fis-saltna bla tmiem ta’ Alla ma sservix biss biex turi t-tama tal-knisja għall-ħwejjeġ li kien għad iridu jseħħu, imma wkoll biex tati lill-komunitajiet ekkleżjali alternattiva oħra tad-dinja li s’issa kienet qed tingħata mill-perspettiva imperjali. F’dan l-artiklu ħa naraw kif permezz tal-ġeneru letterarju apokalittiku, il-Ktieb tar-Rivelazzjoni, jiżviluppa b’mod straordinarju t-tema tal-qdusija kemm dik ta’ Alla, kif ukoll dik ta’ dawk li jemmnu fih.

## ALLA QADDIS

Il-ktieb tal-Apokalissi, magħruf ukoll bħala *l-Ktieb tar-Rivelazzjoni*, ma jippreżentax il-qdusija bħala xi ideal etiku, iżda pjuttost bħala l-istess l-identità u l-karattru ta’ Alla. Il-Knisja hija qaddisa biss għax hija f’relazzjoni ma’ Alla li hu qaddis. L-Apokalissi jenfasizza l-qdusija ta’ Alla permezz tad-dehra ta’ Ġwanni li fiha ra t-tron fis-sema kif naqraw fil-kapitli 4 u 5 ta’ dan il-ktieb. Wara din id-dehra, il-kumplament tal-ktieb jesprimi l-qdusija ta’ Alla permezz tal-ġudizzju tiegħu fuq id-dinja midinba u adultera. Dak Alla li issa jiġi muri fuq it-tron, huwa l-Qaddis u li l-ġudizzji tiegħu huma vera u ġusti. Mal-figura ta’ Alla, l-awtur tal-Apokalissi jurina wkoll il-persuna ta’ Kristu Ġesù gglorifikat, li qed jaqsam l-istess karattru tal-qdusija ta’ Alla. Kristu għalhekk ikellem lill-Knisja ta’ Filadelfja bħala “Il-Qaddis, il-Veru” (Apok 3:7). Huwa jidher b’dija kbira u b’dehra meħuda mill-ktieb ta’ Danjel bħala gwerrier Divin li jiġġudika l-ħażin u li jiġġieled bil-ġustizzja. F’dan id-dawl, il-messaġġ tal-Apokalissi huwa wieħed ċar: ladarba Alla qiegħed fuq it-tron, Ċesari mhuwiex Alla. Il-poplu ta’ Alla għalhekk għandu jagħżel lil min irid jaqdi u jqim.

## POPLU QADDIS

Jekk Alla hu qaddis, dan jitlob li l-poplu tiegħu wkoll ikun qaddis. Il-qdusija tal-Insara hawnhekk hija murija permezz ta’ lingwaġġ u xbihat meħud mit-Testment il-Qadim u li jiġu applikati għall-Knisja bħala l-poplu l-ġdid ta’ Alla. Darbtejn, pereżempju, fl-Apokalissi l-Knisja hija identifikata bħala “saltna” u “qassisin,” linwaġġ li jintuża biex jesprimi l-Patt li Alla għamel mal-poplu tiegħu kif naqraw f’Eż 19:5-6. F’dan il-Patt, il-Mulej Alla jagħżel għalih lil Israel minn fost in-nazzjonijiet l-oħra u jsejħilhom “nazzjon qaddis.” Dan kollu issa jseħħ mhux permezz tal-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu kif ġara fit-Testment il-Qadim, iżda permezz ta’ ġrajja oħra - il-ħelsin mid-dnub mixtri permezz tad-demm ta’ Kristu, il-Ħaruf tal-Għid.

Il-ktieb tal-Apokalissi jitkellem ukoll mill-Insara bħala dawk li ġew stampati bis-siġill u bl-isem ta’ Alla fuq ġbinhom. Dan il-ġest jissimbolizza mhux biss il-protezzjoni ta’ Alla fuqhom, imma wkoll li dawn issa jappartjenu lilu biss. L-awtur jesprimi l-qdusija tal-knisja bl-użu tal-kelma “il-qaddisin” (bil-Grieg: *hagioi*), kelma li tatina t-tifsira tal-Knisja vera f’dan il-ktieb. Għall-awtur ta’ dan il-ktieb, “il-qaddisin” mhumiex biss xi numru partikulari ta’ individwi qaddisin jew martri meħuda minn grupp akbar ta’ Nsara. Minflok, il-qaddisin huma l-insara li baqgħu fidili, b’mod illi jistgħu jieħdu sehem mill-qdusija ta’ Alla.

Filwaqt li ngħidu dan, irridu nżidu li l-ktieb tal-Apokalissi mhuwiex nieqes minn nozzjoni tar-

relazzjoni individwali ma' Alla jew mill-qdusija ta' xi individwi partikulari. Kristu Rxoxt jista' jkellem biss lil "ftit persuni" (litteralment: "ismijiet") fil-Knisja ta' Sardi "li ma tebbgħux ilbieshom" (Apok 3:4). Il-Knisja bħala Saltna għad issaltan ma' Kristu, iżda dawk l-individwi fil-komunitajiet li jemmnu jeħtieġ "jirbħu" sabiex jaqsmu miegħu is-Saltna tiegħu. Hekk naqraw f'Apok 2:26-27 "Imbagħad lir-rebbieħ, lil dak li jħares sa l-aħħar l-opri tiegħi, nagħtih setgħa fuq il-ġnus, biex imexxihom b'xettru tal-ħadid bħal min ifarrak il-bwieqi tal-fuħħar, l-istess kif jien ukoll ħadt is-setgħa mingħand Missieri."



## QDUSIJA FIL-PRATTIKA

Ħafna mill-argumenti li jippreżenta l-ktieb tal-Apokalissi għandhom il-għan sabiex igħinu lill-qarrejja jirreżistu kompromess mal-qawwiet tad-dinja filwaqt li jitgħallmu jgħixu fil-fedeltà u fl-ubbidjenza lejn dak li Alla jitlob minn dawk kollha li jemmnu fih. Fil-kapitlu 2 u 3 għalhekk, insibu numru ta' messaġġi profetiċi li Kristu Ġesù jagħti lill-knejjes billi jitkellem permezz tal-Ispirtu li jaf l-għemejjel ta' kull Knisja b'mod individwali.

Il-qaddisin li jirrappreżentaw il-poplu veru ta' Alla jiġu msejħin bħala dawk li "jħarsu l-preċetti ta' Alla u l-fidi f'Ġesù" (Apok 14:12) u bħala dawn li se jkunu jifilħu jieqfu lill-bhima. L-awtur iqis lil dawn l-Insara bħala armata kbira ta' 144,000 meħlusa mill-Ħaruf. Dawn jiġu ppreżentati bħala suldati "li ma tniġġsux man-nisa" (Apok 14:4). Hekk kif is-suldati Lhud kienu jiġu mitluba jħarsu l-purità ritwali billi jastjenu minn relazzjonijiet sesswali qabel il-gwerra, hekk il-Knisja kellha tkun nadifa sabiex tirbaħ fuq l-għedewwa tal-Ħaruf. Minbarra hekk, dawn l-insara li kienu miexja wara l-Ħaruf, huma mitluba biex ikunu mingħajr qerq: "Minn fommhom qatt ma ħarġet gidba; bla tebgħa huma" (Apok 14:5). L-użu tal-lingwaġġ ta' "bla tebgħa" hawn [bil-Grieg: *amomoi*], huwa misluf mil-lingwaġġ tat-Testment il-Qadim fejn insibu referenzi għall-offerti sagrifikali, u li issa jikkaratterizza l-purità morali tal-qaddisin.

Il-bżonn tal-purità tal-Knisja u l-istedina biex il-Knisja ma titniġġisx joħroġ tajjeb ukoll minn espressjonijiet marbuta mal-ilbies li juża l-awtur. Hekk Kristu jordna lill-Knisja f'Sardi u jgħidilha: "F'Sardi għandek ftit uħud li ma tebbgħux ilbieshom; *huma għad jimxu miegħi lebsin l-abjad,* għax jistħoqqilhom. Hekk ukoll ir-rebbieħ, għax *ixidd fuqu ilbies abjad;* u jiena mhux talli ma nħassarlux ismu minn ktieb il-ħajja, imma nistqarrlu ismu quddiem Missieri u quddiem l-anġli tiegħu" (Apok 3:4-5). Aktar tard, imbagħad, l-awtur jara numru kbir ta' qaddisin - "dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, *u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom* fid-demm tal-Ħaruf" (Apok 7:14).

Il-Knisja tiġi murija bħala għarusa verġni, imlibbsa bi ħwejjeġ nodfa, ileqqu u minsuġa mill-għemejjel tajba tal-qaddisin. "Nifirħu u nithennew u nagħtuh glorja, għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf, u l-Għarusa tiegħu ħejjiet ruħha, u lilha ngħata li *tilbes għażel fin* jgħammex l-għajnejn - għax l-għażel fin ifisser l-għemejjel tajba tal-qaddisin" (Apok 19:7-8). Dawn it-testi juruna kif f'dan il-ktieb, l-ilbiesi bojod jissimbolizzaw il-karattru morali tal-Knisja.

## QDUSIJA PUBBLIKA

Fid-dawl ta' dan kollu malajr nindunaw kif it-teoloġija ta' dan l-aħħar ktieb tal-Iskrittura hija marbuta ħafna mal-kuntest soċjali li fih l-awtur kien qed jikteb. Fi żmien meta nkiteb dan il-ktieb, il-kult lill-Imperatur Ruman ma kienx sempliċiment xi ħaġa reliġjuża imma att marbut mal-politika u l-ekonomija Rumana. Il-kult Ruman kien iservi ta' propaganda kbira b'mod illi kull fejn tħares, kont issib messaġġi minquxa fil-ġebel u l-metal bħala "aħbar tajba." Li tirrifjuta li tqim l-allat pagani, kien ifisser tradiment u ereżija għall-Imperu Ruman.

Huwa f'dan l-isfond li rridu nippruvaw nifhmu r-referenzi li l-ktieb tal-Apokalissi jagħmel għall-*bhima* li hija marbuta mal-qima tad-dinja kollha fl-Imperu Ruman. "Min hu bħall-Bhima, u min għandu ħila jitqabad magħha?" (Apok 13:4). Kif kellhom l-Insara jwieġbu għall-pressjoni kontinwa tal-forza ta' Ruma? Il-ktieb tal-Apokalissi joħloq barrikati jew marki bejn il-Knisja u d-dinja, bejn l-imperu u l-komunita Ii temmen f'Ġesù. L-awtur għalhekk iwissi lill-Insara biex joħorġu mill-Babilonja: "Oħroġu

minnha, poplu tiegħi, biex ma jkollkomx x'taqsmu magħha fi dnubietha, u biex mill-kastigi tagħha ma tiħdux sehem" (Apok 18:4). L-eżodu tagħhom ma kellux ikun ħruġ minn xi belt fiżika, iżda mill-gosti, mis-sistema tal-idolatrija u l-inġustizzja tal-imperu.

Dan kellu jsir mhux billi l-insara jirtiraw u jistaħbew ġo xi rokna iżda bix-xhieda tagħhom li l-ewwel u qabel kollox, kellha tikkonsisti fix-xhieda verbali għall-verità u l-qdusija ta' Alla, kif ukoll fl-ubbidjenza lejn il-kmandamenti tiegħu. Dan kellu jsir fuq l-eżempju "tax-xhieda ta' Ġesù." Dan kien se jitlob tbatija mill-insara fuq l-eżempju ta' Ġesù li spiċċa msallab mas-salib. Ix-xhieda tal-Insara wkoll aktarx li kellha twassal għat-tixrid tad-demm. B'dan il-mod, l-insara kellhom juru li qed jippartecipaw fir-rebħa tal-Ħaruf fuq ix-xitan. Din kienet l-isfida kbira li dawn l-Insara kellhom jagħtu bħala preżenza ta' komunità żgħira f'imperu kbir u b'saħħtu. L-awtur juri kif it-triq tal-qdusija hija t-triq tas-salib; it-triq tar-rebħa kienet tikkonsisti fit-tbatija.

## BELT QADDISA

L-Apokalissi jagħtina wkoll dehra ta' Ġerusalemm il-ġdida bħala xbieha tal-Knisja qaddisa. F'kuntrast mal-Knisja ta' issa kif inhi murija fil-kapitli 2 u 3 li għandha bżonn tindem mill-għemejjel ħżiena tagħha, l-awtur ta' dan il-ktieb jippreżenta l-Knisja ideali li hi qaddisa. L-awtur jagħmel dan billi jagħmel użu mill-viżjoni ta' Eżekjel li fiha jara l-belt ta' Ġerusalemm li kellha tiġi, imma b'differenza kbira.

Il-belt il-qaddisa li ra Eżekjel kienet mibnija madwar it-tempju fejn jgħammar Alla. Ġwanni iżda juri belt li "ebda tempju ma rajt fiha, għax il-Mulej hu t-tempju tagħha, Alla li jista' kollox, l-Ħaruf" (Apok 21:22). Fil-fatt, il-belt ta' Ġerusalemm il-ġdida kollha, issir is-Santwarju mdawwal u mżejjen mill-preżenza ta' Alla. Kull min igħammar fiha hu "l-qassis il-kbir" li għandu aċċess għas-santwarju; u lkoll bħal Mosè jistgħu jaraw lil Alla wiċċ imb wiċċ.

Il-purità morali hija l-marka ta' Ġerusalemm il-ġdida u għalhekk hija meqjusa bħala l-kuntrarju tal-istorja ta' dnub li fired il-bniedem mill-preżenza qaddisa ta' Alla. Din il-belt hija murija wkoll bħala l-għarusa tal-Ħaruf: "U l-Belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha" (Apok 21:2). Hekk ukoll naqraw f'Apok 21:9: "Imbagħad wieħed mis-seba' anġli, dawk tas-seba' bwieqi bl-aħħar seba' kastigi, ġie jkellimni u qalli: 'Ejja nurik l-Għarusa, mart il-Ħaruf'" imżejna "bl-għemejjel tajba tal-qaddisin" (Apok 19:8). Huma biss dawk li ħaslu lbieshom, li huma mistiedna jidħlu mill-bibien tagħha: "Hienja dawk li jaħslu lbieshom, sabiex ikollhom is-setgħa fuq is-siġra tal-ħajja u jidħlu fil-Belt mill-bibien" (Apok 22:14).

Kuntrarju għal dawn, dak kollu u dawk kollha li mhuwiex ndaf, ma kinux se jitħallew jidħlu quddiem il-preżenza qaddisa ta' Alla. It-twissija tal-awtur lill-qarrejja hija waħda ċara: dawk li jippersistu fil-prattika tad-dnubiet tal-'Babilonja' mhemmx post għalihom fil-belt il-qaddisa; minflok huma se jkollhom jaqsmu l-istess kastig imħejji għall-Babilonja! Il-viżjoni ta' Ġwanni għall-Ġerusalemm il-ġdida, iżda hija xi ħaġa akbar minn sempliċiment esklużjoni tal-ħżiena mill-qdusija tal-ġenna. Din hija stampa tal-bniedem sħiħ, dimensjoni importanti fil-qdusija. F'kuntrast ma' Babilonja l-qadima (Babel), li l-bennejja tagħha riedu jilħqu s-sema bis-saħħa tagħhom, is-sema issa kienet qed tinżel fl-art bħala rigal ta' Alla. Bl-isfond tal-istorja tal-Eden, l-awtur jiddeskrivi l-ħolqien ġdid bħala realtà ta' ħajja u fejqan bl-inklużjoni tax-xmara tal-ħajja u s-siġra tal-ħajja. Il-bibien tal-belt huma aktar miftuħa, u d-dija tagħha tiġbed lejha n-nazzjonijiet tad-dinja sabiex jigglorifikaw lil Alla u jimxu fid-dawl tiegħu.



Ġerusalemm il-ġdida tirrivela komunità ta' bnedmin trasformati; hija tissimbolizza l-qaddisin f'għaqda sħiħa ma' xulxin u ma' Alla. Fuq kollox, il-qaddejja ta' Alla (bil-Grieg: *douloi*) igawdu relazzjoni bla limitu ma' Alla. Dawk li jġibu fuq moħħhom l-isem ta' Alla "ebda saħta ma jkun hemm iżjed. Fiha jkollha t-tron ta' Alla u tal-Ħaruf, u l-qaddejja tiegħu jaqduh, jaraw wiċċu, u jkollhom ismu fuq ġbinhom" (Apok 22:3-4).

Ġwanni jenfasizza l-alternattivi li kellha taffaċja l-*Knisja* (bil-Grieg: *ekklesia*) fl-Asja billi jirrakkonta storja ta' żewġt ibliet: il-belt il-qaddisa u l-belt tal-prostituta. Il-kuntrasti morali bejn dawn l-ibliet huma qawwija ħafna. Babilonja hija 'l-prostituta l-kbira' imlibbsa bl-lussu seduttiv, filwaqt li Ġerusalemm hija l-għarusa safja, imżejna bil-ġustizzja u t-tjieba. It-tlellix tal-prostituta huma riżultat tal-mod kif hija tuża b'mod qarrieq dawk li huma suġġetti għaliha, filwaqt li d-dija tal-għarusa ġejjin mill-glorja ta' Alla f'nofsha. Babilonja tikkorrompi u tqarraq bin-nazzjonijiet tad-dinja, iżda in-nazzjonijiet jimxu fid-dawl ta' Ġersualemm il-Ġdida. Babilonja l-ħażina hija mimlija b'impuritajiet u illużjoni, filwaqt li l-belt il-qaddisa u ġdida tħassar kull falsità u kull ħaġa li mhijiex nadifa. Babilonja l-prostituta tivvalena n-nazzjonijiet bl-inbid tal-immoralità tagħha u bl-idolatrija, filwaqt li f'Ġerusalemm tas-sema tistieden lin-nazzjonijit sabiex jixorbu mill-ilma tal-ħajja u b'hekk jitfejqu mis-siġra tal-ħajja li tikber ħdejn ix-xmara.

Il-qarrejja tal-Apokolissi mela, kellhom jaffaċjaw għażla qawwija: liema belt kellha tiddermina l-alleanza tagħhom fil-preżent biex tfassal id-destin tagħhom

fil-futur? Li tkun parti mill-poplu l-qaddis ta' Alla fl-ibliet tal-Asja Rumana kien ifisser li tilbes il-karattru u tieħu fuqek il-valuri tal-belt li kellha tiġi, li hija diġà d-dar vera tagħhom.

## Referenzi


1. Ara iżda Apok 2:10 – "Tibżax minn dak li se jkollok issofri; ara, id-Demonju se jixħet 'il xi wħud minnkom fil-ħabs biex iġarrabkom, u intom tgħaddu minn għaxart ijiem ta' taħbit." Ara wkoll Apok 3:10 fejn naqraw: "Talli int ħarist it-tagħlim tiegħi dwar is-sabar, jiena wkoll inħares lilek mis-siegħa tat-tiġrib li ġejja fuq id-dinja kollha biex iġġarrab lil kull min jgħammar fl-art."

2. Fuq dan il-punt ara David A. deSilva, The Hope of Glory: Honor Discourse and New Testament Interpretation (Collegeville, Minn.: Michael Glazier/ Liturgical Press, 1999), 179-182. Ara wkoll G.K. Beale, The Book of Revelation, New International Greek Testament Commentary (Grand Rapids: Eerdmans, 1999), 28-33.

3. Ara Wes Howard-Brook and Anthony Gwyther, Unveiling Empire: Reading Revelation Then and Now (Maryknoll, N.Y.: Orbis, 2001), 102-111, 115-118. Ara wkoll, David A. deSilva, "The Social Setting of the Revelation to John: Conflicts Within, Fears Without," Westminister Theological Journal 54 (1992): 286-296.

4. Ara Richard Bauckham, The Theology of the Book of Revelation (Cambridge: Cambridge University Press, 1993), 7.

5. Ara Apok 6:5-7. Xi studjużi wrew kif ix-xena tal-kamra tat-tron ta' Alla li nsibu fl-Apokalissi f'xebh maċ-ċerimonji tal-qorti imperjali Rumana, fosthom il-preżentazzjoni ta' kuruni tad-deheb, prostrazzjonijiet, kant ta' innijiet. Ara David E. Aunne, "The Influence of Ruman Imperial Court Ceremonial on the Apocalypse of John," Biblical Research 28 (1983): 5-26.

6. Ara Apok 1:12-16.

7. Ara Apok 19:11-16.

8. Ara Apok 1:6; 5:10.

9. Ara Apok 5:9-10. Ara wkoll, J.M. Ford, "The Priestly People of God in the Apocalypse," Listening 28 (1993): 248-251.

10. Ara Apok 7:3; 14:1.

11. Ara Apok 8:3.

12. Ara Apok 14:1-5.

13. Ara Dewt 23:9-10.

14. Fuq dan il-punt ara Grant R. Osborne, Revelation, Baker Exegetical Commentary on the New Testament (Grand Rapids: Baker Academic, 2002),787. Ara wkoll, Bauckam, The Theology of the Book of Revelation, 77-78. Imma ara wkoll il-pożizzjoni ta' A.Y. Collins, Crises and Catharsis: The Power of the Apocalypse (Philadelphia: Westminister, 1984), 127-131.

15. Għat-tifsira ta' dawn it-testi ara David A. deSilva, Honor, Patronage, Kinship and Purity: Unlocking New Testament Culture (Downers Grove, Ill.: InterVarsity, 2000), 303.

16. Ara Craig R. Koester, Revelation and the End of All Things (Grand Rapids: Eermdmans, 2001), 195.

17. Ara Howard-Brook u Anthony Gwyther, Unveiling Empire, 238.

18. Ara Apok 12:17; 19:10. Ara wkoll A.A. Trites, The New Testament Concept of Witness, Society for the New Testament Studies Monograph Series 31 (Cambridge: Cambridge University Press, 1977), 156-164.

19. Ara Apok 6:9.

20. Ara Apok 12:11.

21. Ara Pilchan Lee, The New Jerusalem in the Book of Revelation, Wissenschaftliche Untersuchungen zur Neuen Testament 129 (Tübingen: Mohr Siebeck, 2001), 304-305.

22. Ara Eżek 40-48.

23. Ara Elizabeth Schüssler Fiorenza, Revelation: Vision of a Just World, Proclamation Commentaries

(Minneapolis: Fortress, 1991), 112-113.

24. Ara Apok 21:27.

25. Ara M. Robert Mulholland, Jr., Revelation: Holy Living in an Unholy World (Grand Rapids: Francis Asbury Press, 1990), 52-53, 321.

26. Ara Ġen 11:9

27. Ara Apok 21:2.10. Ara wkoll Apok 3:12.

28. Ara Apok 22:1-2.

29. Ara Apok 21:23-26.

30. Ara Apok 17:1.4

31. Ara Apok 19:8.

32. Ara Apok 17:4; 18:9-18.

33. Ara Apok 21:11-21.

34. Ara Apok 18:3.23; 19:2.

35. Ara Apok 21:24.

36. Ara Apok 17:4-5; 18:2.23.

37. Ara Apok 21:27.

38. Ara Apok 14:8; 17:2; 18:3.

39. Ara Apok 21:6; 22:1-2. Għal lista aktar komprensiva tal-kuntrasti bejn iż-żewġt ibliet ara, Howard Brook u Gwyther, Unveiling Empire, 159-160; Bauckham, Theology, 131-132.



# IL-LIWJATAN

*Noel Muscat ofm*

Il-profeta Isaija, fis-sezzjoni hekk imsejħa "Apokalissa ta' Isaija" (Is 24-47) jitkellem dwar dragun primordjali li hu jsejjaħlu Liwjatan: "F'dak il-jum jikkastiga l-Mulej bix-xabla qalila, kbira u qawwija tiegħu lil Liwjatan, is-serp ħafif, lil Liwjatan, is-serp jitkagħweġ; joqtol id-dragun li hemm fil-baħar" (Is 27,1). Din il-figura misterjuża tissemma diversi drabi fil-Bibbja, b'tifsiriet differenti.



Fil-vers li kkowtajna Isaija jitkellem mill-qerda ta' żewġ mostri, il-Liwjatan u "d-dragun li hemm fil-baħar." Jidhru li dawn iż-żewġ mostri huma simboli tad-diżordni u l-kaos li kien hemm fl-ilmijiet ta' qabel il-ħolqien. Huma marbutin mal-Baħar, li fil-Bibbja hu dejjem simbolu tat-taħwid u ta' elementi misterjużi. Il-poplu Lhudi qatt ma kien poplu li jbaħħar, b'differenza mill-Feniċi, u għalhekk għal-Lhud il-baħar kien realtà li tbeżża'.

L-istess profeta Isaija juri din il-mentalità meta jikteb: "Mhux int kont li għamilt bċejjeċ lil Raħab, li niffidt id-Dragun? Mhux int li nixxift il-baħar, l-ilma tal-abbissi l-kbar? Mhux int li għamilt triq fl-ibħra, biex jgħaddu l-mifdija?" (Is 51,9-10). L-isem Raħab ifisser "dak li joħloq it-tempesta". Hu l-mostru tal-kaos (Ġob 9,13) jew inkella hu simbolu tal-Eġittu (Is 30,7). Id-Dragun jissejjaħ ukoll Tannîn, u hu assoċjat mas-serpent tal-oriġini (Ġob 7,2) jew mal-Fargħun (Eżek 29,3). Il-Baħar, li bil-Lhudi jissejjaħ Yám, hu l-oċeanu primordjali (Ġob 38,8), jew anke l-Baħar tal-Qasab (Eż 14,2). L-abbiss jissejjaħ Tehôm, u hu riferiment għall-abbiss primordjali tal-ilmijiet f'Ġen 1,2, jew inkella l-qiegħ tal-Baħar tal-Qasab li fih għerqu l-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu (Is 63,13).

Il-fatt li dawn il-mostri jiġu meqrudin bil-vjolenza juri qabel xejn li Alla hu dak li hu s-sid tal-ħolqien. Fil-fatt, fil-mitoloġija Kangħanija u Babiloniża, dawn il-mostri huma meqrudin biex mill-kaos tkun maħluqa dinja li fiha l-bnedmin ikunu jistgħu jgħixu u jiġu mħarsa. Hemm diversi siltiet fit-TQ li jitkellmu mir-rebħa divina fuq il-qawwiet tal-kaos primordjali: fuq il-Liwjatan (cf. Salm 74,14; 104,26; Ġob 3,8; 26,13), jew fuq id-Dragun (cf. Is 51,9; Salm 74,13; Ġob 7,12; Ġer 51,34).

Il-Liwjatan ġie li jissejjaħ Lotan fil-poeżiji ta' Ugarit





(seklu 14 q.K.), fejn jidhru wkoll l-appellattivi tiegħu ta' serp li jarmi n-nar u serp jitkagħweġ. Fil-Profeta Għamos id-dragun li hemm fil-baħar jiġi ppreżentat bħala serp kbir: "Jekk iħaffru f'Qiegħ l-Art, minn hemm taħtafhom idi; jekk jitilgħu fis-smewwiet, minn hemm inniżżilhom; jekk jinħbew fuq il-quċċata tal-Karmel, hemm infittixhom, u minn hemm naqbadhom; u jekk jinħbew minn quddiem għajnejja f'qiegħ il-baħar, nordna lis-serp jigdimhom" (Għam 9,2-3).

Dawn is-simboli tal-kaos primordjali jistgħu wkoll jirreferu għall-qawwiet tad-dinja, l-aktar dawk li kienu jaħkmu fuq il-poplu ta' Israel biex jgħakksuh. Fil-Ktieb ta' Ġob insibu x-xebh bejn il-Liwjatan bhima kbira bħall-ippopotamu, u l-kukkudrill, li hu rettili tal-biża' u li fil-Bibbja hu ta' spiss assoċjat mal-Eġittu, fejn kien jgħix bi kwantità fix-xtut tax-xmara Nil: "Ħares issa lejn l-ippopotamu li jien ħlaqt bħalma ħlaqt lilek; ħaxix jiekol dak bħall-baqar. Iżda x'saħħa għandu f'ġenbejh! Fil-muskoli ta' żaqqu l-qawwa tiegħu. Denbu iebes daqs iċ-ċedru, l-għeruq ta' koxxtejh mibruma. Għadmu kanen tal-bronż, u l-kustilji vireg tal-ħadid. Hu l-aqwa fost l-opri ta' Alla, min għamlu biss jista' għalih; l-għoljiet iġibulu l-għelejjel tagħhom, hemm jitliegħbu l-bhejjem selvaġġi. Hu jimtedd taħt is-siġar tas-seder, jinħeba qalb il-qasab u fl-għadajjar. Ikollu d-dell mill-weraq tas-seder, u ż-żafżâf tal-wied idur miegħu. Jekk tfur ix-xmara ma jistaramx, lanqas jekk jogħla sax-xifer il-Ġordan. Min sa jaqbdu minn għajnejh, u min jigganċjah minn imnieħru? Xi ngħidu mbagħad għall-kukkudrill? Se taqbdu inti b'sunnara, jew torbotlu f'ħabel ilsienu? Se tgħaddilu lenza minn imnieħru, jew tinfidlu b'ganċ ix-xedaq? Se joqgħod jittallab ħniena mingħandek, jew ifissdek bi kliem mieles? Taħseb int li jintrabat miegħek, biex joqgħodlok b'qaddej għal dejjem? Se tilgħab bih bħal għasfur, u torbtu għall-bniet iż-żgħar tiegħek? Se jiftiehmu fuq prezzu s-sajjieda, u jitqassam lill-bejjiegħa? Timlielu int bil-vleġeġ ġildu, jew rasu bil-foxxni? Ipprova midd



idek fuqu; tibqa' tiftakar it-taqtigħa, u darb'oħra ma terġax" (Ġob 40,15-32).

Dawn ix-xbihat kollha tat-TQ jirreferu għal kreatura li hi simbolu ta' taħwid u ta' ribelljoni kontra Alla u konta l-ordni fil-ħolqien. Kif għidna, hu l-baħar simbolu tal-kaos primordjali, li fih jgħix dan is-serpent terribbli tal-oriġini, li jissejjaħ Liwjatan jew Levjatan. Hekk naqraw fis-Salm 104,25-26: "Dan il-baħar ta' kobor u wisa' bla tarf, li fih jimraħ ħut bla għadd; bhejjem żgħar u bhejjem kbar. Id-dgħajjes jimxu fuq il-mewġ tiegħu, fih jitliegħeb il-Levjatan, li int għamilt."

Għalkemm il-Bibbja tiddependi minn immaġini li kienu jinstabu fil-letteratura ta' kulturi oħrajn antiki tal-lvant nofsani, imma l-iskop tagħha hu dejjem dak li turi kif Alla hu s-sid tal-ħolqien, kif Hu jġib ordni fil-ħolqien biex jipproteġi lill-bniedem u lill-ħlejjaq l-oħra, u kif il-qawwiet tal-ħażen u tad-diżordni, simboleġġjati minn bhejjem bħas-serp jitkagħweġ, il-kukkudrill, jew ukoll id-dragun (figura mitoloġika), jiġu mirbuħin mill-qawwa divina, anzi joqogħdu għall-ordnijiet ta' Alla.

Is-sens teoloġiku ta' dawn ix-xbihat orribbli jidher imbagħad fil-letteratura apokalittika, fejn ta' spiss insibu riferimenti għal bhejjem mitoloġiċi u draguni, li jidhru bħala strumenti tal-qawwiet infernali u djaboliċi, li jiġġieldu kontra s-saltna ta' Alla. Hekk fil-kapitlu 7 tal-Profeta Danjel 7,2-3 insibu riferiment ieħor għall-bhejjem feroċi li jitilgħu mill-baħar: "Kont qiegħed inħares f'dehra li kelli bil-lejl, u ara, l-erbat irjieħ tas-sema bdew iqanqlu l-baħar il-kbir; u mill-baħar ħarġu erba' bhejjem kbar."

Fit-TĠ id-dehra tal-bhejjem tal-biża' hi evidenti fil-Ktieb tal-Apokalissi, li jiddeskrivi l-ġlieda bejn is-saltna ta' Kristu u tal-magħżulin tiegħu u l-qawwiet tal-ħażen, simboleġġjati mid-Dragun u mill-bhejjem li jaqduh, u li huma ppreżentati bħala parodija djabolika tat-Trinità. L-aktar xbieha magħrufa hi dik tad-Dragun fil-kapitlu 12: "U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha ... Mbagħad fis-sema deher sinjal ieħor: ara, Dragun kbir minn lewn in-nar, b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' djademi fuq irjusu. U b'denbu kines waħda mit-tlieta tal-kwiekeb tas-sema u waddabhom lejn l-art. U d-Dragun mar qagħad quddiem il-Mara li kienet

se tiled, biex kif tiled lil binha jibilgħu" (Apok 12,1.3-4).

Id-Dragun infernali li jrid jeqred in-nisel tal-Mara hu simbolu tax-Xitan li jrid jaħtaf lil Kristu u jippersegwita lill-Knisja, simboleġġjata mill-Mara li tiled it-tifel. Din ix-xbieha hi riferiment għall-istorja kollha tas-salvazzjoni, li dejjem kienet espressjoni tal-ġlieda qalila bejn Alla u l-qawwiet tal-ħażen li jridu jieqfu lill-pjan tiegħu fil-ħolqien. B'hekk anke fit-TĠ insibu żvilupp qawwi tal-figura tal-Liwjatan, is-serp primordjali, li din id-darba jieħu isem u identità:

"Mbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu jitqabdu mad-Dragun. U d-Dragun u l-anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħlbu, u ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema. U kien imwaddab id-Dragun il-kbir, is-Serp tal-qedem, li hu msejjaħ id-Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha, kien imwaddab għal fuq l-art, u miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu. U smajt leħen qawwi fis-sema jgħid: 'Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa, u s-Saltna ta' Alla tagħna, u s-setgħa tal-Messija tiegħu, għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna, li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna. U huma ħarġu rebbieħa fuqu permezz tad-demm tal-Ħaruf u bis-saħħa tal-kelma li xehdu, u ma għożżewx ħajjithom, minkejja saħansitra l-mewt. Għalhekk ifirħu, smewwiet, u intom li tgħammru fihom. Ħażin għalikom, art u baħar, għax fikom niżel id-Demonju, b'korla kbira fuqu, għax jaf li żmien ftit baqagħlu'" (Apok 12,7-12).

Ir-realtà tal-ħażen mhijiex invenzjoni fil-Bibbja, minkejja l-fatt li l-Bibbja tuża immaġini mitoloġiċi u terribbli. Hi r-realtà tal-ġlieda biex tinżel fostna s-saltna ta' Kristu, Dak li rebaħ lis-serp infernali fuq is-salib tiegħu, u li hu s-Sid tal-ħajja li tirbaħ il-mewt.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2020




## ABBONAMENT:
### €10 fis-sena
### €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2020



# Pellegrinaġġi Franġiskani 2020

**Art Imqaddsa** 8 ljiem

09 - 17 Lulju

06 - 14 Awwissu

03 - 11 Settembru

**Art Imqaddsa** *Extra*

03 - 13 Novembru

**Assisi**

20 - 28 Ġunju

10 - 18 Ottubru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt